# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 7 ta' April 2025**

**Numru: 5**

**Rikors numru 154/2020/1 AGV**

**AB**

**v.**

**CD**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-konvenut CD minn sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-23 ta' Mejju, 2024, fejn din ordnat li: (i) il-kura u kustodja tal-minuri EDB, tkun fdata esklussivament f'idejn l-attriċi, b'dana illi r-residenza ordinarja tal-minuri tkun mal-attriċi; (ii) il-konvenut ikollu dritt għall-aċċess għall-minuri taħt superviżjoni tal-Aġenzija Appoġġ; (iii) il-konvenut għandu jħallas

manteniment fix-xahar għall-minuri, kif ukoll nofs l-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari; u (iv) il-konvenut għandu jħallas arretrati ta' manteniment u tal-ispejjeż edukattivi tal-minuri lill-attriċi.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf tat-30 ta' Settembru, 2020, l-attriċi fissret illi mir-relazzjoni tal-partijiet twieled il-minuri EDB fid-29 ta' Jannar, 2014. Ir-relazzjoni tagħhom sfaxxat fix-xejn u l-partijiet temmew ir-relazzjoni tagħhom. Għalhekk inbdew il-proċeduri tal-medjazzjoni, fejn minkejja li l-partijiet kienu waslu biex jiffirmaw ftehim dwar il-kwistjonijiet marbuta mal-minuri, il-kuntratt in kwistjoni baqa' qatt ma ġie ffirmat minħabba li l-konvenut irrifjuta li jagħmel dan. Minħabba f'hekk, u wara li ġabet il-permess mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), l-attriċi fetħet din il-kawża u talbet lill-istess Qorti sabiex:

> *«1. Tiddikjara b'mod definit illi l-intimat għandu jħallas lir-rikorrenti somma ta' flus fix-xahar in linea tal-manteniment u kif ukoll nofs l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni u extra kurrikulari għal ibnu minuri EDB;*
>
> *2. Tiffissa l-manteniment dovut mill-intimat għal ibnu minuri u kif ukoll tagħti dawk il-provedimenti opportuni dwar kif għandu jkun awmentat il-manteniment tiegħu minn żmien għal żmien;*
>
> *3. Tillikwida kull ammont dovut in linea ta' arretrati ta' manteniment u spejjeż ta' saħħa u edukazzjoni dovut mill-intimat għal ibnu minuri E Joseph, sabiex mill-għoti tad-digriet ta' dina l-Qorti datat 21 ta' Jannar, 2020 u sa dik d-data li jidrilha xierqa dina l-Onorabbli Qorti;*
>
> *4. Tikkundanna lill-intimat jħallas dak il-manteniment hekk iffissat ukoll*

*l-arretrati skond digriet surreferit datat 21 ta' Jannar, tas-sena 2020 u hekk likwidat għall-minuri kif ukoll nofs l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni tiegħu;*

*5. Tordna illi r-rikorrenti tkun vestita bil-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri EDB għall-finjiet u effetti kollha fil-liġi;*

*6. Tiddikjara li residenza ordinarja tal-minuri EDB għandha tkun dik mar-rikorrenti ommu;*

*7. Tiffissa lok, ġranet u ħinijiet għall-fini ta' aċċess għall-minuri EDB a favur l-intimat.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimat, u l-intimat jibqa' minn issa nġunt għas-subizzjoni.»*

3. Il-konvenut wieġeb għal dan ir-rikors permezz ta' tweġiba tat-28 ta' Ottubru, 2020, fejn fil-mertu, huwa ċaħad l-allegazzjonijiet kollha vvantati mill-attriċi, filwaqt li spjega li huwa fl-aħjar interess tal-minuri illi l-kura u kustodja tiegħu tkun vestita b'mod konġunt f'idejn il-partijiet.

4. B'sentenza mogħtija fit-23 ta' Mejju, 2024, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja), iddeċidiet il-kawża hekk:

*«1. Tilqa' l-ewwel u t-tieni talba attriċi u tordna lill-konvenut iħallas lill-attrici s-somma ta' €200 (mitejn Euros) fix-xahar, in linea ta' manteniment, kif ukoll nofs l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni u extra-kurrikulari għall-minuri EDB, kif ukoll dak kollu li ġie deċiż fl-intestatura tal-"**Manteniment**" iktar 'il fuq;*

*2. Tilqa' t-tielet u r-raba' talba attriċi u tordna u tikkundanna lill-konvenut iħallas l-arretrati ta' manteniment kif ġie deċiż fl-intestatura "**Arretrati ta' Manteniment**" kif imfisser iktar 'il fuq, kif ukoll l-arretrati tal-ispejjeż edukattivi kif imfisser u deċiż iktar 'il fuq fl-intestatura **"Spejjeż Edukattivi"**;*

*3. Tilqa' l-ħames talba attriċi u tordna li l-kura u kustodja tal-minuri EDB tiġi vestita esklussivament f'idejn l-attriċi;*

*4. Tilqa' s-sitt talba attriċi u tiddikjara li r-residenza ordinarja tal-minuri EDB għandha tkun dik tal-attriċi;*

*5. Tilqa' s-seba' talba attriċi u tordna li l-aċċess ikun superviżjonat u jsir barra l-Appoġġ skond kif deċiż u mfisser fl-intestatura "**Aċċess**" iktar 'il fuq, b'dana però li l-partijiet għandhom isegwu r-rakkommandazzjonijiet ta' dina l-Qorti;*

*L-ispejjeż għandhom jiġi sopportati in kwantu terz għall-attriċi u żewġ terzi għall-konvenut.»*

5. Ir-raġunijiet mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) għaliex iddeċidiet il-kawża b'dan il-mod kienu dawn:

*«**Konsiderazzjonijiet***

***Kura u Kustodja***

*Dina l-Qorti ghandha kaz quddiemha li turi profondament kif in-nuqqas ta' presenza ta' genituri fit-tfulija ta' minuri jhalli ferita kemm emozzjonali u psikologika permanentement. Dan hu r-rizultat ta' kif ifforma l-karattru tal-konvenut kif ser issir ampja referenza ghaliha fit-trapass tas-sentenza. Dan huwa xempju tal-importanza li f'kazijiet ta' kura u kustodja dina l-Qorti trid tpoggi bhala priorita' assoluta l-interessi tal-minuri u dak li huwa ta' l-aqwa vantagg ghalihom, sabiex Tevita, sa fejn hu possibbli li r-relazzjoni li ntemmet bejn il-genituri ma twassalx ghas-sens ta' abbandun, "helplessness," u sens ta' "rejection" fil-minuri.*

*Illi huwa ritenut fil-gurisprudenza taghna li f'decizjonijiet li jirrigwardaw minuri bhal dawn ghandu jipprevali fuq kollox l-aqwa interess tal-minuri. Infatti, fil-kawza fl-ismijiet **M. Bonnici v. Onor J. Raynaud**[1] gie dikjarat li: **"Il-principju li ghandu jipprimeggja, meta l-Qorti tigi biex taghti provvediment dwar il-kura tat-tfal huwa dak li huwa suggerit mill-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantagg ghall-interess tal-istess tfal,"** kif ukoll ghall-kawza fl-ismijiet **Dr. V. Randon v. J. Randon u Scifo Diamantino v. M. Scifo Diamantino** fejn gie ritenut li **"r-regola generali f'din il-materja hi l-ahjar interess u vantagg tat-tfal".***

*Fil-kawza **JP pro.et noe. vs. JP**[2] intqal: "**Jinghad illi l-kura tat-tfal komuni [tal-mizzewgin], sew fil-ligi antika u sew fil-ligi vigenti, kif ukoll fil-gurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mill-principju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantagg ghall-interess tal-istess tfal li c-cirkustanzi tal-kaz u l-koefficjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuggerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enuncjata ghandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-mizzewgin meta jisseparaw ruhhom***

[1] Deċiża 25/06/2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili Ċitazz Numru 2668/1996/2RCP .
[2] Rik. Ġen. Nru.: 571/2021JPG.

***ġudizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment.”***

*Illi huwa ritenut fil-gurisprudenza taghna li f'decizjonijiet li jirrigwardaw minuri bhal dawn ghandu jipprevali fuq kollox l-aqwa interess tal-minuri. Infatti, fil-kawza fl-ismijiet* ***M. Bonnici v. Onor J. Raynaud***[3] *gie dikjarat li:* ***“Il-principju li ghandu jipprimeggja, meta l-Qorti tigi biex taghti provvediment dwar il-kura tat-tfal huwa dak li huwa suggerit mill-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantagg ghall-interess tal-istess tfal,”*** *kif ukoll ghall-kawza fl-ismijiet* ***Dr. V. Randon v. J. Randon u Scifo Diamantino v. M. Scifo Diamantino*** *fejn gie ritenut li* ***“r-regola generali f'din il-materja hi l-ahjar interess u vantagg tat-tfa****l”.*

*Fil-kawza* ***JP pro.et noe. v. JP***[4] *intqal: “****Jinghad illi l-kura tat-tfal komuni [tal-mizzewgin], sew fil-ligi antika u sew fil-ligi vigenti, kif ukoll fil-gurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mill-principju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantagg ghall-interess tal-istess tfal li c-cirkustanzi tal-kaz u l-koefficjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuggerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enuncjata ghandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-mizzewgin meta jisseparaw ruhhom ġudizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment.”***

*Pendente l-medjazzjoni l-attrici kienet ipprezentat rikors sabiex fil-mori tal-medjazzjoni tinghata l-kura u kustodja provisorja tal-minuri, liema rikors wassal ghad-digriet mahrug minn dina l-Qorti diversament ippreseduta fit-30 ta' Settembru, 2020, fejn l-istess Qorti ordnat li “Il-Qorti wara li qieset dak li huwa fl-ahjar interess tal-minuri JJ li ghad ghandhu biss sitt snin, tqis li l-kura u kustodja ta' dan it-tifel ghandha tkun wahda kongunta b'dana li r-residenza ordinarja tal-minuri ghandha tkun ma' ommu r-rikorrenti.”*[5]

*Minn dak id-digriet kien hemm diversi zviluppi u cirkostanzi li waslu lil dina l-Qorti sabiex tafda pendente lite l-kura u kustodja tal-minuri f'idejn l-attrici u dan b'digriet taghha tas-17 ta' Jannar, 2022.*[6] *Apparti li l-Qorti waslet biex hadet dina d-decizjoni a bazi tar-rapport tal-Avukat tat-Tfal Dr. Mary Muscat, kif ukoll a bazi tar-rapport tad-Direttorat ghall-Harsien tat-Tfal, li gew innominati minn dina l-Qorti wara li l -attrici ghamlet diversi allegazzjonijiet fil-konfront tal-konvenut, fosthom li huwa vjolenti, aggressiv, li jabbuza mid-droga u li anke ghandhom problemi mentali peress li kien gie rrikoverat fl-isptar Mount Carmel u li kellu konnessjonijiet mal-prostituti.*

*Dwar l-access taht supervizjoni, fl-istess digriet dina l-Qorti rrizervat li tipprovdi ulterjorment.*

*Wara li tkellmet mal-minuri, l-Avukat tat-Tfal Dr. Mary Muscat waslet*

---

[3] Deċiża 25/06/2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili Ċitazz Numru 2668/1996/2RCP.
[4] Rik. Ġen. Nru.: 571/2021JPG.
[5] Dok. A a fol. 21 *et seq*.
[6] A fol. 103.

*ghas-segwenti konkluzzjonijiet:*

***"1. Illi sakemm il-missier jirkupra medikament ma jkun hemm l-ebda access fiziku mal-minuri;***
***2. Illi, ghall-istess raguni, l-SAV's ma jidhirx li huma alternattiva idonea ghas-sitwazzjoni u tigi skartata l-idea, kemm tal-SAV's fil-maghluq u anki f'postijiet "outdoors" bhall-playgrounds;***
***3.Illi l-minuri jkun segwit minn psikologu jew espert maghzul mill-Qorti li jindirizza l-effett tan-nuqqasijiet relazzjonali li ghandu ma' missieru u li jistrada lill-Qorti dwar xi bzonnijiet li jirrizultaw fl-ahjar interess tal-minuri;***
***4. Illi sadanittant, il-minuri jaghzel hu jekk ikollux kuntatt elettroniku ma' missieru."***[7]

***Vjolenza u aggressivita'***

*Il-Qorti tirrileva illi in segwitu ghad-digriet ta' dina l-Qorti kif diversament ippreseduta fit-30 ta' Settembru, 2020 fejn il-kura u kustodja provvizorja kienet wahda konguntiva, inhargu diversi Ordnijiet ta' Protezzjoni fil-konfront tal-konvenut li huma s-segwenti:*

*i) Ordni ta' Protezzjoni mahrug mill-Imhallef Dr. Anthony J. Vella fit-28 ta' Ottubru, 2020 wara li waqt l-udjenza l-konvenut mar javvicina lill-attrici;*[8]

*ii) Ordni ta' Protezzjoni mahrug fid-9 ta' Dicembru, 2020 mill-Magistrat Dr.Monica Vella fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs SS;*

*L-attrici pprezentat ukoll zewg Ordnijiet ta' Protezzjoni li kienu nhargu qabel il-perjodu tad-digriet tat-30 ta' Settembru, 2020 u cioe' fl-10 ta' Mejju, 2019 mahrug mill-Magistrata Dr. Charmaine Galea temporanjament, kif ukoll dak mahrug mill-Magistrata Dr. Claire Stafrace fl-4 ta' Lulju, 2019 temporanjament fil-konfront tal-attrici u l-familjari taghha.*[9]

*Inoltre, l-attrici pprezentat diversi "risk assessments" li saru mill-Agenzija Appogg li waslu ghall-hrug ta' diversi ordnijiet ta' protezzjoni in vizta li kienet "at high risk."*[10]

*Huwa evidenti li l-agir tal-konvenut kien wiehed li pogga f'riskju l-attrici, lill-minuri kif ukoll il-familjari taghha u d-diversi Qrati hassew li l-hrug ta' dawn l-ordinijiet huwa ggustifikat.*

*Ciononstante, id-diversi esperti li segwew lill-konvenut taw verzjoni konfliggenti fuq il-konvenut meta ma kkunsidrawx lill-konvenut bhala persuna vjolenti jew aggressiva. Wara l-ewwel assessjar li sar mill-*

[7] A fol. 687.
[8] A fol. 16.
[9] A fols. 139-140.
[10] *Risk assessments* tal-Appoġġ a fol. 527 *et. seq*.

*Clinical Psychologist Dr.Paul Daniel Micallef fl-4 ta' Mejju, 2021 ikkonstata li "**I believe that S, finds all forms of relationships which require intimacy challenging. This is because intimacy requires emotional investment, social competence and moral obligation. These are skills and values which S has not had the opportunity to learn and develop sufficiently and in a structured and consistent manner. This happened because he experienced an incredibly sad, fragmented and tumultuous infancy, childhood, and adolescence…."***

*Ikompli jispjega li dina t-tfulija turbolenti tal-konvenut wassal ghall-"emotional distress" fil-konvenut, imma m'hemmx dubbju li dan l-istess "distress" "neither…turned C into a physically or verbally violent person. Imma emfasizza ukoll ghall-fatt li "**This does not mean that when he is persistently and purposefully provoked and attacked by others who know exactly well what hurts him deeply, he is not going to naturally react and defend himself."***

*Biex isostni u jsahhah ir-ragunament tieghu, Dr. Micallef zid ighid hekk:*

***"This fact has been proven correct over many years with other friendships he has held for many years running and with Ms. S who has known him for 35 years and who has testified under oath that she has never experienced direct violence from S. Infact, he can make and keep friends over time, and he contributes positively to society by holding down a steady job and supporting himself financially. I believe he might not be the best role model the world has, or will see, he still has much to offer and share with his son, which is healthy, good, and beneficial."***[11]

*Dan huwa ukoll ikkorroborat mill-familja li ffosterjat lill-konvenut minn tfulitu u cioe' U u C S.*

*Dan id-"distress" gie identifikat ukoll mill-psikjatra Dr. Etienne Muscat, wara li l-konvenut gie rikoverat l-Isptar St.James Capua minhabba "**observation and management of agitation with reported suicidal ideation."** F'dan il-perjodu kien ghaddej minn problemi li kellu fiz-zwieg qasir tieghu ma' CS u l-istat tal-konvenut kien tali li "**he was easily distressed and markedly impulsive, with consequent observed difficulties in grasping concepts at time, and in prioritising and making judgment calls….Yet he was mainly focused on achieving concrete targets and on being a father to his son, and it did not appear that he was in imminent danger of taking his life."***[12]

*Madanakollu, minhabba l-istat li kien jinstab fih il-konvenut irrakkomanda li jattendi reabilitazzjoni f'centru specjalizzat fil-"behaviour addictions" idealment barra minn Malta.*

[11] A fol. 222.
[12] A fol. 195 *Medical Report* ta' Dr Etienne Muscat.

*Hemm akkuzi ta' vjolenza u aggressjoni da parti tal-ex mara tal-konvenut C.(CH)X fejn ipprezentat affidavit u akkuzat lill-konvenut bhala ragel "**unpredictable and unstable man, who has an uncontrollable temper**." Xehdet ukoll **"I would personally witness him be physically and verbally abusive towards his child. I would constantly be in the position to protect J from him when J was in our care. S would scream in his face, grab him by the arm in a rough manner and make him break down in tears on more than one occasion."**[13]*

*L-istess CX tghid li minhabba dawn il-problemi u bosta ohrajn li semmiet fl-affidavit hasset il-htiega li tavza lill-attrici b'dak li ighaddi minnu l-minuri taht idejn missieru. Madanakollu, dina l-Qorti mhix konvinta xejn minn dina x-xhieda, partikolarment meta effettivament l-istess konvenut f'wiehed mir-rikorsi kkontesta l-kredibbilita' ta' dan ix-xhud fuq ammissjonijiet taghha stess. Primarjament, ipprezenta ritratt li ntbaghat lill-konvenut fejn ghalkemm mhux car jekk dina l-istess mara hija C , hemm miktub li **"Tomorrow I'm going to sign the testimony so you lose your son… Payback is a bitch"**[14] u ghalhekk fuq bazi ta' probabilita'.*

*F'messagg iehor li nbaghat mill-istess C lill-avukat difensur tal-konvenut Dr. Lennox Vella, li huwa kkonfermat fir-rikors ipprezentat mill-istess avukat in rapprezentanza tal-konvenut tammetti li "**I was manipulated and constantly harassed by this woman to give a statement against S S. She had disclosed to me that he raped her daughter abused his son and was suffering mental and behavioural trauma from the abuse."**[15]*

*Tammetti ukoll li kien hemm diversi tentattivi da parti taghha sabiex tirtira l-istess affidavit. Imma l-Qorti mhix konvinta dwar il-kredibbilita' ta' dina x-xhud stante li l-attrici stess ipprezentat messenger chat li rceviet minghand C X fejn dina tal-ahhar qed twieghdha li ser tiehu hsieb lill-minuri meta jkun maghha u mal-konvenut, imbaghad dawn isegwu b'sensiela ta' messaggi fejn avzat lill-attrici li kienet disposta tixhed kontra l-konvenut u li huwa persuna vjolenti.[16] Fl-istess waqt hemm messaggi mibghuta minn l-istess xhud lil Dr. Maxilene Pace, l-avukata li kienet tippatrocinja lill-attrici fejn infurmatha li l-affidavit taghha gie pprezentat il-Qorti minghajr il-kunsens taghha.[17]*

*Ghandu jinghad li anke jekk l-istess konvenut ma ressaqx l-ex mara tieghu in kontro-ezami, jibqa' l-fatt li fuq bazi ta' probabilita' dina l-istess C xehdet kontra l-konvenut bhala pika. Jekk verament kien hemm pressjoni da parti tal-attrici biex tapprofitta ruhha minn dina l-piki biex tuzaha ghall-vantgaggi taghha, dina l-Qorti tikkundanna dan l-agir taghha.*

---

[13] A fol. 106/107.
[14] Dok. SS 3 a fol. 328.
[15] A fol. 331/332.
[16] A fol. 387 *et. Seq*.
[17] A fol. 386.

*Il-piki u l-vendikazzjonijiet mhumiex dehen ta' genituri li fuq kollox ghandhom ikollhom ghall-qalbhom l-ahjar interessi tal-minuri. Anke jekk il-konvenut mhux persuna ezemplari, ghadda minn hafna f'hajjtu u anke jekk jixtieq jibni relazzjoni ma' ibnu, hija tlajja iebsa ghalih, ghaliex kif giet ikkonstat mill-professjonisti nvoluti, f'hajtu ghandu nieqes dik l-istabbilita' u sens ta' struttura familjari peress li trabba gewwa istitut u dak li jersaq vicin tal-kuncett ta' familja ghalih huma U S u ohtha li ffosterjawh minn eta' zghira.*

*Anke jekk l-attrici ghandha izjed kapacitajiet fil-parenting peress li trabbiet fi familja stabbli, certament mhix qed tuza l-iskills taghha sew, l-agir f'dan il-kaz mhux ta' omm ezemplari lanqas u dan meta lit-tifel ghandha turih li l-genituri ghandhom jigbdu habel wiehed, iridu jkunu gusti ma' xulxin u mhux vendikattivi u mhux minflok meta suppost kellha tidher il-Qorti ftit wara ppostjat fuq Facebook ritratt taghha l-bahar bil-kliem "Revenge is best served cold."[18] Addiritura Dr. Maria Borg li giet inkarigata minn dina l-Qorti sabiex taghmel sezzjonijiet ta' terapija mal-minuri J , mal-genturi u bejn il-minuri u l-genituri sabiex jigi ddeterminat x'inhu fl-ahjar interess tal-minuri, ,ikonoxxiet li l-attrici qed tinfluenza hafna lill-minuri bl-ansjeta' li qed ikollha – "* ***From the first meeting, it was evident that Ms. M was very anxious about access of her son with Mr.S starting again. She reiterated that her son had already been traumatised time and time again by his father's erratic and at times aggressive behaviour and she did not wish him to be disrupted again especially now that he had finally settled down.***

***As the therapeutic process progressed, it became clear that the mother's anxiety, even if understandable in the circumstances, was affecting the minor to the extent that he was finding it hard to express himself freely in the therapy room probably to avoid worrying her. This was divulged by the minor himself during one of our sessions."[19]***

*Fil-fatt bhala konsegwenza ta' dan Dr. Borg irrakkomandat li ikun utli li l-attrici tiehu t-terapija sabiex tirregola l-ansjeta' biex b'hekk il-minuri jkun iktar liberu biex juri l-emozzjonijiet meta jkun ma' missieru.*

*Huwa evidenti li z-zewg genituri huma inkapaci li jagixxu b'mod matur u jaghrfu li jwarrbu d-differenzi taghhom minghajr vendikazzjonijiet u argumenti u minflok jigbdu l-istess habel sabiex b'hekk jiggwadanja l-minuri. Imma sfortunatament dina l-Qorti ghandha quddiemha zewg persuni immaturi li qed jagixxu biss sabiex jivvendikaw ruhhom minn xulxin u poggew l-interessi tal-minuri bhala l-ahhar priorita' taghhom.*

*Ghandu jinghad ukoll li il-Headmistress ta' St. Edwards College ikkomunikat mal-konvenut minhabba li l-minuri E kien qed ikollu problemi ma' shabu minhabba li xi kultant jinvolvi ruhu f' "rough play" u*

---

[18] A fol. 761.

[19] Rapport ta' Dr.Maria Borg a fol. 697 .

*jkun donnu ser isawwat lil shabu meta jerfa' jdejh u jgieghlhom jibzghu. Dan mhu xejn ghajr il-konsegwenzi tal-atteggjamenti tal-partijiet fil-konfront ta' xulxin u li ma jevitawx li jezfnu lill-minuri fl-argumenti taghhom, li spicca biex bl-ansjeta' tieghu jizvoga fuq shabu.*

***Droga***

*Hemm diversi akkuzi mill-attrici fil-konfront tal-konvenut li jabbuza mid-droga u dan jirrendih missier irresponsabbli u ghaldaqstant m'ghandux jigi fdat bil-kura u kustodja tal-minuri E.*

*Tressqu diversi provi li meta l-konvenut kellu sittax-il sena kien tpogga Mount Carmel minhabba li kellu diversi problemi, fosthom li kien ha d-droga.*

*Il-konvenut stess ammetta mal-attrici li kellu problema biex iwaqqaf il-vizzju[20] L-ex mara tieghu ukoll CX tishaq fuq il-problema ta' droga tal-konvenut, izda ghal darb'ohra x-xhieda taghha mhix wahda konsistenti. U S tinsisti li meta l-konvenut kien idahhal l-isptar St. James Capua, kien ha l-kokaina peress li martu stess kienet iddrogata u gieghiltu jaghmlu "suicide pact." Din X da parti taghha tinnega dan kollu, izda ciononstante, Dr. Paul Micallef jikkonferma li l-konvenut kien ammetta mieghu li kien ipprova jaghmel suwicidju u dan minhabba li kien iddisprat, iffrustrat u kien qed ihossu lonely u kien hass li kien ikun ahjar mejjet u li kien ghalhekk li kien ha l-kokaina.*

*Dr. Etienne Muscat jikkonferma pero' li sakemm il-konvenut dam l-isptar St. James Capua "his urine testing was consistently negative for drugs of abuse in St.James Hospital."[21]*

*Dorian Cornelius, Probation Officer li kien ilu jsegwi lill-konvenut bejn Frar u Mejju, 2022 jikkonferma li kienu saru zewg urine tests precisament fis-6 ta' Mejju, 2022 u fid-29 ta' April, 2022, li rrizultaw pozittivi ghall-eroina sakemm baghtu t-testijiet il-laboratorju tat-tossikologija Mater Dei minn fejn irrizulta li kienu negattivi ghas-sustanzi illeciti, jigifieri l-pozittivita' kienet gejja mill-medicina li kien qed jiehu.[22]*

*Jikkonferma li l-konvenut kien ammetta mieghu li kien hemm zmien meta kien jiehu l-kannabis, izda apparti minn hekk ma kienx hemm problemi ta' droga. Fil-fatt ighid li ma jirrizultax li kien hemm xi kuntatt tal-konvenut mal-Agenziji tad-droga.*

*Ghalhekk mill-assjem tal-provi jirrizulta li l-konvenut xi kultant zmien jaghmel uzu mid-droga, pero' ma jistax jissejjah "addict." Il-vizzju li jiehu l-kokaina, hija iktar relatata mal-fatt li meta l-konvenut ikun wasal fl-estremita' ta' disperazzjoni jsib is-serhan fid-droga, li ghalkemm mhux gustifikabbli, il-Qorti tissimpatizza mad-disperazzjoni tieghu minhabba*

[20] Dok. K a fol. 145/146.
[21] Dok. B a fol. 195.
[22] Dok. DC 1.

*t-trobbija tieghu u issa la kiber kellu jiffaccja zewg relazzjonjiet difficli u inoltre, zewg nisa li biex jitpaxxew huma, kkollaboraw flimkien sabiex ipoggu l-konvenut f'dawl ikrah. B'danakollu, id-droga mhix is-soluzzjoni u zgur mhux ser tghin biex tikkonvinci lil dina l-Qorti biex taghtih il-kura u kustodja gialadarba hemm dejjem it-tentazzjoni, sakemm ma jiehux it-terapija mehtiega.*

*Apparti d-droga, l-attrici takkuzaha talli huwa involut fil-pornografija u anke riti satanici. Hemm istanzi fejn il-verzjoni tal-attrici hija kredibbli peress li wara li nfurmatha l-ex mara tal-konvenut, l-istess C X pprezentat chat bejn il-konvenut u certu SR fejn kien qed jiddiskuti maghha fuq il-pornografija u li kien ghamel zmien meta kien barra minn Malta fejn kien involut fiha.*[23] *Dwar l-allegazzjonijiet tar-riti satanici ma tressqux provi u ghalhekk l-istess allegazzjonijiet ma jreggux u probabilment huma giddieb li holqu l-attrici u CX sabiex joskuraw lill-konvenut, izda zelqu fin-niexef.*

***Stabbilita' Mentali***

*L-attrici ttentat ukoll li tipprezenta lill-konvenut bhala persuna li ghandu problemi psikologici, tant li kellu jikkura ruhu fl-Isptar Mount Carmel. Jirrizulta li dan ir-rikoveru kien sar, izda jmur lura ghaz-zmien meta l-konvenut kellu sittax-il sena u dak iz-zmien kien jaghmilha ma' kumpanija hazina. Izda ir-rikoveru kien iktar jirrigwarda l-fatt li l-konvenut kien ha xi sustanzi illeciti u ma kienx ihossu sew.*

*Inoltre, fuq parir tal-avukat tat-tfal, l-istess konvenut ha l-izbriga minn jeddu li jfittex ghajnuna minhabba l-istat ta' disprament li kien jinstab fih. Kien ghalhekk li mar ghand Dr. Paul Micallef kif diga' sar accenn ghalih li rah 'l fuq minn ghoxrin sezzjoni u minn fejn ghalhekk seta' jikkonstata li l-konvenut m'ghandux problemi mentali imma li ghandu huwa – "**Where his own personal intimate relationships are concerned, I believe that he is predominantly a "party pleaser" and someone who will mostly try to maintain the peace, but when expectations increase and continuous demands are placed on him, especially where money is concerned, he obviously withdraws and this is where serious problems start because from being a "partner pleaser" and relatively submissive, he stops communicating and retracts. I do not judge this as being mentally ill or extraordinary or abnormal behaviour."**[24]*

*US u ohtha CS bhala fosterers tal-konvenut minn tfulitu jikkorobboraw dina l-verzjoni li l-konvenut huwa tip ta' persuna li jevita konfront u generalment waqt argument jitlaq lil hemm sakemm ighaddilu.*

*Dr. Etienne Muscat li kien ezamina lill-konvenut wara li gie rikoverat l-isptar St. James ukoll ikkonferma li l-konvenut ma jbatix minn problemi mentali – "**He did not exhibit behaviours suggestive of psychotic***

[23] A fol. 487-490.
[24] A fol. 880/881.

***thought processes."***[25]

*JG li kien prezenti hafna waqt it-trobbija tal-konvenut fl-Istitut ta' St. Patricks kien jafu sew u ghalkemm ma kkonfermax jekk l-konvenut kienx jiehu d-droga, izda dwar il-fatt li pprova jikkommetti suwicidju jghid li l-konvenut ammetta mieghu li kien ghaddej minn perjodu hazin u kollox kien sejjer kontrih u qabditu frustrazzjoni kbira.*

*Tal-istess fehma huwa l-psikjatra Dr.Peter Muscat li xehed li mill-analizi li ssoggetta lill-konvenut ma rrizultalux li ghandu "**signs of disturbed behaviour, severe anxiety…".** Jikkonferma ukoll li kien ghamel it-testijiet biex jikkonstata jekk kienx hemm xi problemi mentali jew disorder ta' aggressive personality u ma rrizultawlux.*[26]

*Ghaldaqstant, in vizta ta' dawn il-konsiderazzjonijiet evaluwati flimkien jirrizulta li z-zewg genituri huwa ferm 'il boghod milli jkunu genituri ezemplari u dina l-Qorti mhi xejn kuntenta bl-atteggjamenti taghhom u tissolecitahom sabiex jifhmu li dina l-kawza mhix taghhom imma hija kawza sabiex jissalvagwardjaw dak li hu fl-interess tal-minuri. Dina l-Qorti ikollha aptit li tippenalizza lill-genituri sabiex jiehdu tghallimha u tafda lill-istess minuri f'persuni iktar idoneji minnhom, izda taf fic-cert li dan mhux l-aqwa vantagg ghal J. B'dina t-tip ta' decizjoni tkun qed tohloq déjà vu tal-hajja tal-konvenut u meta rat l-impatt li kellu fuqu l-abbandun u r-rigettazzjoni da parti tal-genituri bijologici tieghu, ikollha ghafsa ta' qalb kbira.*

*Hemm dizgwid bejn il-professjonisti jekk kienx hemm parental alienation peress li l-attrici bdiet tibza meta kien ser jerga' jkun hemm access. Ghall Dr.Peter Muscat u Dr. Paul Micallef kien hemm parental alienation li kellha tigi evitata konsiderando t-trobbija wisq felici tal-konvenut. Ghal Dr .Maria Borg ma kienx hemm parental alienation, izda biss, ansjeta' kbira da parti tal-attrici li t-tifel ser isibha difficli jerga' jiltaqa' ma' missieru waqt l-access, pero' li dan kien ilu zmien wieqaf.*

*Il-Qorti taqbel li l-istess ansjeta' tal-attrici hija realistika peress li sabiex jerga' jigi riinstawrat rapport bejn il-konvenut u l-minuri, wara tant zmien ser ikun difficli u kemm xejn trawmatiku, kif accenna Dr. Peter Muscat li ser ikun difficli ghall-minuri li jerga' jara lil missieru b'mod daqshekk liberu u minghajr trawma psikologiku u hemmhekk tinholoq il-parental alienation.*

*Ugwalment dina l-Qorti tinstab preokkupata ghall-minuri, pero' tissolecita lill-partijiet li ghandhom jisimghu mill-Qrati u professjonisti involuti sabiex iharsu l-interessi tal-minuri, Ghalhekk primarjament, sabiex ma jkunx hemm instabbilita' f'hajjet il-minuri J u tenut kont tar-relazzjoni tieghu mal-konvenut, ikun opportun li l-kura u kustodja tkun esklussiva ghall-attrici, Izda dina d-decizjoni ma tieqafx hemm, izda l-istess attrici ghandha tiehu terapija sabiex tirregola l-ansjeta' taghha u*

[25] A fol. 295.
[26] Fol. 949.

*b'hekk tkun qed tghin lill-minuri sabiex ihossu iktar komdu jesprimi l-emozzjonijiet tieghu fil-konfront tal-konvenut u dan huwa ta' necessita' tenut kont tal-fatt li hemm triq twila sabiex ir-relazzjoni bejniethom titjieb.*

***Access***

*Fil-mori ta' dina l-kawza kien hemm diversi problemi bl-access, li gieli kien hemm u gieli twaqqaf ghall-konvenut fil-konfront tal-minuri.*

*Fis-sentenza fl-ismijiet* ***Romina Spagnol v. Thomas***[27] *ingħad illi: "**Il-Qorti tfakkar illi d-dritt għall-aċċess huwa wieħed mid-drittijiet fundamentali tal-ġenituri, liema dritt jemanixxi mis-setgħa ta' ġenitur. Għaldaqstant id-dritt għall-aċċess għandu jitgawda mill-ġenitur u dan anke jekk il-kura u kustodja tiġi assenjata lil wieħed mill-ġenituri. L-unika eċċezzjoni fejn il-Qorti tkun kostretta li tordna n-nuqqas ta' aċċess huwa f'kaz li jkun hemm rakkomandazzjoni minn espert fil-qasam, jew minħabba fattispeċji partikolari tal-kaz li jkollha quddiemha l-Qorti fejn ikun jidher b'mod lampanti li ma jkunx fl-interess suprem tal-minuri li jinzamm tali aċċess. Il-Qorti tirribadixxi illi ma għandha l-ebda interess li tisfratta l-possibbilita' li ġenitur jibni relazzjoni ma' uliedu, salv jekk ikun hemm raġunijiet validi u leġittimi, u dan f'ġieħ l-interess suprem tal-minuri".***

*Il-Qorti ser tghaddi biex taghti rendikont b'mod kronologiku ta' kif zvillupaw id-decizjonijiet rigward l-access peress li huwa importanti sabiex ikun hemm stampa cara u kif dina l-Qorti ser tasal ghad-decizjoni taghha.*

*1. Rapport ta' Dr. Paul Daniel Micallef datat 4 ta' Mejju, 2021 fejn meta analizza r-relazzjoni tal-konvenut mal-minuri kkonstata s-segwenti:*

***"I also believe that in S 's case, it is crucial for him to remain involved in the upbringing of his son, wherever safe and possible, because depriving him of seeing and being with J would in effect be repeating the same pattern, he himself experienced as a child. This not only triggers more pain for him as a human being, but it also brings immense guilt and shame for S for failing as a father, when he knows what "price" he pays for having such a childhood deprived of his biological parents."***[28]
*In vista ta' dan irrakkomanda li sabiex il-konvenut ikun persuna u missier ahjar isegwi:*

***"1. To continue regular individual personal psychological therapy-averaging one session every two or three weeks maximum.***

***2. To participate in a course of EMDR (Eye Movement Desensitisation and Reprocessing) Therapy as soon as possible***

[27] *Vide* s-sentenza fl-ismijiet **MC pro et noe vs. FC,** deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar it-3 ta' Ottubru 2008 (Appell Numru 2463/1999/1). Rik. Ġur. Nru. 60/2017 AL A B -vs- C D 30 Spagnol.
[28] Rapport ta' Dr.Paul Daniel Micallef a fol. 221-223.

***to address some deep rooted traumatic past events with Mrs. Rose Galea, Clinical Psychologist or another experienced warranted practitioner. This will speed up the healing and therapeutic process.***

***3. To enrol and fully complete a course on parental skills for children between the ages of 5 & 10 years of age with Caritas or Sedqa or FSWS."***[29]

*Ghandu jigi rilevat li l-konvenut baqa' jsegwi t-terapija mal-istess Dr.Paul Daniel Micallef, filwaqt li kien anke attenda l-kors tal-parenting skills minn fejn inhariglu c-certifikat ta' Positive Parenting Certificate.*[30]

**2.** *Wara li l-konvenut gie rikoverat fl-isptar St. James Capua fil-15 ta' Gunju, 2021 minhabba ansjeta' u "antic disorder" li affettwalu l-muskoli ta' ghajnejh, Dr.Etienne Muscat ikkonkluda li "…**it is my very strong recommendation that given the recent and severe psychological distress he has been exhibiting his degree of impulsivity and his erratic judgement – Mr.S, be managed in a facility that would be able to provide very frequent monitoring and where disruptions could be relatively minimised."***[31]

**3. Dr.** *Mary Muscat fil-kapacita' taghha tal-Avukat tat-Tfal fir-rapport taghha rrakkomandat li "**sakemm il-missier jirkupra medicament ma jkun hemm l-ebda access fiziku."***[32]

**4.** *B'digriet ta' dina l-Qorti datat 16 ta' Gunju, 2021 il-Qorti ordnat lid-Direttorat ghall-Harsien tat-Tfal sabiex isir assessment dwar eventwali access b'supervizjoni bejn il-minuri J u missieru. Bradley Desira s-social worker involut fl-SAV's irrelata li kien qed isib hafna resistenza da parti tal-konvenut sabiex jiltaqa' mal-minuri u kemm il-darba nghata diversi appuntamenti, kien jikkancellahom.*

*Innota ukoll li "t-**tifel ma jidhirx lest li jiltaqa' ma' missieru f'dan il-mument u dan ghax kif semmiet l-possibilita' ta' access mat-tifel, huwa nghalaq fih innifsu u deher bezghan. Din hija haga li giet innutata ukoll minghand l-avukata tat-tfal inkarigata ghal dan il-kaz. Fid-digriet taghha, il-Qorti talbet lill-haddiem socjali sabiex jaghmel assessment jekk l-access ghandux ikun bis-supervizjoni, Madanakollu, minhabba l-fatt li l-haddiem socjali ma kellux opportunita' li jitkellem mas-sinjur S, jew li josserva l-access bejn il-minuri J u missieru ma jinhassx li ghandu jkun hemm access**."*[33]

*5. Rapport ta' Dr. Paul Daniel Micallef datat 21 ta' Marzu, 2022 li sakemm kitbu kien ra lill-konvenut xi ghoxrin darba u ghalhekk seta'*

[29] Rapport ta' Dr.Paul Daniel Micallef a fol. 221-223.
[30] A fol. 885.
[31] Dok. B a fol. 195.
[32] Rapport a fol 687.
[33] Nota tad-Direttorat ghall-Ħarsien tat-Tfal datat 3 ta' Awwissu, 2021.

*jikkonstata s-segwenti:*

***"Yes, he is emotionally scarred, has his own challenges like every other human being and has a very chequered history where family life is concerned, but this does not preclude him, or somehow miraculously render him incompetent and totally incapable of being a good positive influencing father.***

***This does not mean he is incapable of being a loving and caring father. This means that where his own personal intimate relationships with women are concerned, he seriously struggles…***

***A child has a fundamental right to know his father and to have the time, space and opportunity to grow up with his father when the father is available. If twice a week is not possible, then maybe once a week is possible, or a longer bi-monthly visit might be considered,"***

*Jiggustifika l-agir tal-konvenut mhux ta' persuna vjolenti u aggressiv imma ta' persuna li bhal kulhadd fid-dinja "**becomes angry when he sees that injustice is being done and that he ends up being a victim of malicious slander and official reports that appear to be the result of manipulative and vindictive behaviour.***

***My professional concerns regarding him and his son centre around breaking patterns of childhood trauma and neglect coming from parental alienation."***[34]

*6. Dr. Maria Borg, psikoterapista giet innominata mill-Qorti sabiex izzomm sezzjonijiet ta' terapija mal-minuri, mal-genituri u bejn il-minuri u l-genituri biex tifhem x'inhu fl-ahjar interess tal-minuri u dan in segwitu ghad-digriet mahrug mill-Qorti fit-22 ta' Lulju, 2022*[35] *fejn ordnat li l-konvenut ikollu supervised access visits mal-minuri E, darba fost il-gimgha u darba ohra fit-tmiem il-gimgha, ghal saghtejn kull darba, li jizdied biss kemm il-darba dan jigi rrakkomandat mid-Direttorat Ghall-Harsien tat-Tfal.*

*Dr. Borg irrakkomandat li:*

- ***"Mr. S undergoes a psychiatric assessment with Dr. Etienne Muscat as suggested by Dr. Muscat himself ("As a result, he insisted that, in the circumstances, it would be most appropriate for him to do a more updated assessment of his mental function before he can be in a position to suggest any access with his son, supervised or otherwise");***

- ***Mr. S continues attending therapy with Dr. Micallef since they seem to have formed a good therapeutic alliance. Dr. Micallef***

[34] *Summary of Case Notes* ta' Dr.Paul Daniel Micallef datat 21 ta' Marzu, 2022 a fol. 673.
[35] A fol. 846.

***had also suggested EMDR as part of the management with Mr. S , to support him in getting over his past traumas and an online course in parenting skills. While Mr. S has completed the suggested training, I do not believe he has yet undergone the sessions in EMDR which is also something also to be discussed with Dr. Muscat once he completes his assessment.***

• ***The minor keeps meeting his father under supervised access, inside the Appogg premises for now, till both father and son can be supported to relate better together, also without the intervention of third parties on both sides of the family."***[36]

*7. Nota tad-Direttorat ghall-Harsien tat-Tfal datat 18 ta' Jannar, 2023 mhejji minn Bradley Desira li kien irrakkomanda li ghall-gheluq sninu l-minuri E xtaq imur gewwa toyshop u ghalhekk minkejja li ma kienx konsistenti f'din ix-xewqa, l-access kellu jsir barra l-Appogg specifikatament f'post fejn hemm toyshop u forsi gnien halli jkomplu l-access. Skond dakinhar jigi deciz jekk l-access ghandux isir barra jew jitkompla fl-Agenzija Appogg.*[37]

*8. Confidential update summary ta' Dr. Paul Daniel Micallef datat 25 ta' Jannar, 2023 li ghadu jsegwi lill-konvenut irrakkomanda s-segwenti:*

***"1. In preparation for the supervised visits to come to an end as soon as possible, I suggest that supervised visits occur in a more natural and conducive environment outside of Appogg for another two or three times with one of them possibly in the residence where Mr. S will be spending time with his son in the future.***

***2. Following this small number of external supervised visits, the father is then allowed to take his son over from the mother as any other father with joint custody is allowed to do.***

***3. Ideally, for all parties concerned, Mr. S 's access to JJ, needs to resume as soon as possible and like before he can collect his son from infront of the B'Kara Police Station to prevent and avoid Ms. G, and her current partner from claiming that Mr. S behaved inappropriately. This is for his own safety and the safety of the child."***[38]

*Irrakkomanda li l-konvenut ikompli jsegwi t-terapija ma' clinical psychologist jew therapist.*

*9. Nota ta' Dr. Moira Borg datata 21 ta' Marzu, 2023 fejn semmiet diversi intoppi li kellha tirrinfaccja minhabba l-atteggjament u nuqqas ta' kooperazzjoni tal-konvenut sabiex ikun hemm access barra mill-Agenzija Appogg, tant li kien difficli sabiex tikkonkludi jekk l-access*

[36] Nota ta' Dr.Maria Borg datata 14 ta' Novembru, 2022 a fol. 696.
[37] Nota tad-direttorat ghall-Ħarsien tat-Tfal datata 18 ta' Jannar, 2023.
[38] *Confidential Update Summary* ta' Dr.Paul Daniel Micallef datat 25 ta' Jannar, 2023.

*ghandux jigi ivvarjat u ghalhekk infurmat lil dina l-Qorti li ma setghetx tespleta l-inkarigu taghha.*[39]

*10. Nota tad-Direttorat ghall-Harsien tat-Tfal datata 5 ta' April, 2023 iffirmata minn Bradley Desira, social worker inkarigat mill-supervised access visits, informa lill-Qorti li kien hemm incident li sehh fit-3 ta' April, 2023 fejn il-konvenut beda jghajjar lill-minuri li qisu marid peress li kien qaxxar xagharu. Meta gie avzat mis-social worker prezenti, il-konvenut injoraha u baqa' jakkuza l-partner tal-attrici li gieghel lil ibnu jqaxxar xagharu appositament.*

*Intqal xi diskors fil-presenza tal-minuri li ma kienx konvint bl-onesta' ta' Dr. Maria Borg ghax kien iffisa li kienet qed izzomm is-sezzjonijiet ghall-flus biss.*

*Desira rrakkomanda li l-access ghall-minuri ghandu jigi sospiz u dan minhabba li l-haddiema li jaghmlu l-access b'supervizjoni infurmawh li l-konvenut ghandu tendenza li jghid affarijiet waqt l-access lill-minuri li m'ghandux ghalfejn jafhom u dan minkejja li l-istess haddiema kienu jwaqqfuh. Gie nnutat ukoll li waqt l-access, kemm il-konvenut u l-minuri huma kuntenti jaraw xi film milli jilghabu xi haga flimkien.*

*Irrileva ukoll li l-konvenut mhux qed jikkoopera mad-direttivi li jinghata mill-haddiema waqt l-access u li qieghed jirrabja u jhedded lis-sieheb tal-attrici fil-presenza tal-minuri.*

*Desira zid ighid li l-access ghandu jibqa' sospiz sakemm "**is-sinjur S jaghmel assessment li kien mitlub minn Dr.Etienne Muscat. Meta t-terapisti jkunu tal-opinjoni professjonali li s-sinjur S huwa lest li jerga' jkollu access mal-minuri, dan l-access ghandu jerga' jibda.**"*[40]

*11. Rapport ta' Dr. Peter Muscat wara n-nomina tieghu sabiex jaghmel assessjar psikjatriku tal-konvenut datat 30 ta' Ottubru, 2023 ikkonkluda hekk:*

***"SS does not exhibit any gross signs of mental illness, aggressive personality disorder, drug abuse or psychological disturbance.***

***His mental state is normal.***

***Unfortunately a situation of parental alienation has developed. This can have long term psychological consequences on his son since in such a situation a child may believe that his father is neglecting him or that he is perceived not to be a good father.***

***Furthermore, this separation from his son can impact S 's mental health in the long term given his own past as an abandoned and***

[39] Nota ta' Dr Maria Borg datata 21 ta' Marzu, 2023.
[40] Nota tad-Direttorat ghall-Ħarsien tat-Tfal datata 5 ta' April, 2023 a fol. 905.

***rejected boy growing up in an orphanage and church homes.***

***History is set to repeat itself.'"***[41]

*12. Illi wara li semghet lil Dr. Peter Muscat fis-7 ta' Dicembru, 2023, dina l-Qorti ddekretat li jerga' jibda l-access bejn il-konvenut u l-minuri darba fil-gimgha ghal saghtejn taht is-supervizzjoni tad-Direttorat.*[42]

*13. Fis-seduta tat-18 ta' Jannar, 2024, dina l-Qorti ordnat li l-access kellu jigi ezercitat barra l-bini tal-Appogg, b'dana li dan ghandu jigi approvat mid-Direttorat u skond id-direzzjonijiet taghha.*[43]

*Minn dawn il-provi migbura, dina l-Qorti tosserva li sar hafna xoghol sabiex jigi ddeterminat jekk l-access huwiex fl-interess tal-minuri. Primarjament, kien hemm allegazzjoni tal-instabbilita' mentali tal-konvenut, izda dina giet issorvolata mid-diversi professjonjiet fuq imsemmija. Jirrizulta li l-konvenut m'ghandux problemi mentali jew xi dizordni, izda biss bhal kull persuna normali jirreagixxi kull meta jigi sfidat jew ikollu jiffaccja giddieb u fatti mmanifatturati sabiex jigi meghlub quddiem il-Qrati.*

*Il-konvenut issottometta ruhu ghal diversi testijiet u terapiji, partikolarment dak ma' Dr. Paul Daniel Micallef li informa lill-Qorti bid-diversi zviluppi li beda jara l-istess Dr. Micallef. Huwa "distressed" minhabba l-proceduri quddiem dina l-Qorti, l-fatt li spicca fuq probation ghal erba' snin u fuq kollox li qed jigi mcahhad milli jara lil ibnu.*

*Il-Qorti tirrileva li l-konvenut ghadu pero' ma segwix dak propost mit-tabib clinical psychologist Dr. Etienne Muscat u cioe' li jissottometti ruhu ghat-test ta' EMDR sabiex ifiq u jeghleb it-trawmi tal-passat u jheggu jaghmel dan mill-iktar fis. Dan huwa importanti ghax hekk biss il-konvenut ser ikompli miexi fit-triq ta' missier tajjeb u dan flimkien billi jkompli jsegwi t-terapija li jattendi ghand Dr. Paul Daniel Micallef. Ghalhekk:*

*i) L-ewwel il-konvenut ghandu jissottometti ruhu ghat-test ghand Dr. Etienne Muscat li ghandu jirrilaxxja rapport dwar l-istat u kundizzjoni tal-konvenut.*

*ii) Wara li jsehh dan it-test l-Qorti tordna li jerga' jibda l-access bejn il-konvenut u l-minuri darba fil-gimgha ghal saghtejn taht is-supervizzjoni tad-Direttorat,*[44] *kif ukoll l-istess access ghandu jinzamm barra l-bini tal-Appogg, b'dana li dan ghandu jigi approvat mid-Direttorat u skond id-direzzjonijiet u dan in konferma tad-digriet taghha tas-7 ta' Dicembru, 2023. Izid ukoll li darba fix-xahar dan l-access ghandu jinzamm fir-residenza tal-konvenut.*

---

[41] Rapport ta' Dr Peter Muscat datat 30 ta' Ottubru, 2023.
[42] A fol. 959.
[43] A fol. 960.
[44] A fol. 959.

*iii) Dawn id-direzzjonijiet wahedhom mhux ser ikunu sufficjenti biex jkollhom l-effett mehtieg u konsegwentement sabiex l-istess access ikollu l-impatt mehtieg, l-attrici ghandha tattendi ghat-terapija sabiex tirregola l-ansjeta' estrema taghha u ghandha tipproduci prova ta' din l-attendenza fiz-zmien sitt xhur mid-data tas-sentenza, liema perjodu jigi rivedut sakemm ikun hemm rapport fuq l-ezitu ta' din it-terapija. Fin-nuqqas ta' dan, dina l-Qorti tirrizerva li taghti l-provvedimenti opportuni.*

*Il-Qorti tissollecita lill-partijiet sabiex jikkooperaw mal-Qrati, mad-Dipartiment ghall-Harsien tat-Tfal u dawk kollha nvoluti fil-kaz, iwarrbu l-piki u l-vendetti ta' bejniethom u jahdmu id f'id sabiex il-minuri jakkwista l-istabbilita' u ghalhekk jifhem is-sens ta' ghaqda bejn il-genituri u hekk biss tista' tigi ssorvolata l-parental alienation.*

***Manteniment***

*Dina l-Qorti kienet harget digriet fil-21 ta' Jannar, 2020 fl-atti tal-medjazzjoni fejn ordnat li l-konvenut ghandu jhallas manteniment ghall-ibnu E fis-somma ta' €200 fix-xahar, kif ukoll nofs l-ispejjez edukattivi u tas-sahha.*

*L-attrici, fl-ebda stadju tal-provi ma insistiet li l-ammont li gie deciz minn dina l-Qorti bhala manteniment ghandu jigi rivedut, pjuttost iffukat il-kawza fuq l-kura u kustodja tal-imsemmi E. Lanqas ma pprezentat prospett ta' x'nefqa ghandha kull xahar fuq il-minuri, salv ghal xi spejjes edukattivi.*[45]

*Lanqas ma resqet provi dwar l-inrojtu taghha sabiex dina l-Qorti tista' tistabilixxi x'inhuma l-mezzi taghha u x'inhuma ghalhekk il-bzonnijiet taghha. Kien jispetta lilha li tressaq dawn il-provi jekk verament mhix kuntenta bl-ammont ta' manteniment li tircievi.*

*Meta si tratta manteniment, il-Qorti fl-aħħar u l-iktar sentenzi riċenti tagħha, u ċjoe' dawk fl-ismijiet* ***Ottilie Micallef pro et noe v. Jason Joseph Mifsud,***[46] *u* ***Romina Veneziani noe v. Dr Marc Sant****,*[47] *għalmet illi:* ***"Madanakollu l-grad ta' prova neċessarja f'kawża fejn si tratta talba għal manteniment minn għand dak il-ġenitur li ma jkunx preżenti sa mit-twelid talminuri, huwa tali fejn ikun biżżejjed għal dik il-parti li tagħmel it-talba għal ħlas ta' manteniment illi tippreżenta prospett li jindika approssimattiv tal-infiq ta' flus fuq il-minuri li għandu jkun ikkorraborat b'numru sostanzjali ta' rċevuti, liema rcevuti għandhom jagħtu indikazzjoni tal-ħajja li dik il-parti tkun qiegħda tagħti lil uliedha, iżda l-Qorti ma tarax il-bżonn illi tali parti fil-kawża għandha tippreżenta kull irċevuta li tingħata kuljum,***

[45] A fol.431.
[46] Deċiża mill-Qorti tal-Familja, nhar it-18 ta' Jannar 2022, (Rikors Numru 107/2015 AL), mhux appellata.
[47] Deċiża mill-Qorti tal-Familja, nhar is-27 ta' Jannar 2022, (Rikors Numru 152/2016 AL), mhux appellata.

***anke saħansitra għal kartuna ħalib! F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet Michelina Bezzina vs Julian Bezzina,[48] fejn ġie ribadit illi: "jinghad ukoll li likwidazzjoni fuq bazi ekwitattiva ghandha ssir meta jkun difficli li wiehed jistabilixxi precizament dak li huwa dovut lill-attur, u dan sabiex tista' ssir gustizzja f'kazijiet fejn ma jkunx possibbli li titressaq prova konkreta li tistabbilixxi bi precizjoni t-telf subit."[49]***

*Dwar il-konvenut, wara sensiela ta' impjiegi li kien jittermina hu stess minhabba li kien jiddejjaq, illum jiddikjara li ma jahdimx u dan primarjament ghaliex ma kienx fi stat li jahdem minhabba l-problemi li kellu jirrinfaccja b'dina l-kawza u anke z-zwieg li kellu u fallha.*

*Mhux ikkontestat li l-foster family tal-konvenut li jidhru benestanti qed ikopru u assumew il-manteniment dovut mill-konvenut, meta dan tal-ahhar jammetti li l-familja tieghu stess qalulu biex ma jahdimx, igawdi, isiefer u jixtri u jirranga l-muturi li hija passjoni tieghu.*

*Il-Qorti tikkundanna l-agir tal-familjari tal-konvenut, ghaliex jekk huma verament ghandhom ghall-qalbhom lill-konvenut u bhala nies ta' certu edukazzjoni u huma genituri ukoll, ghandhom ifehmu lill-konvenut li jekk huwa missier ghandu diversi dmirijiet lejn ibnu, wiehed minnhom huwa dak li jmantnih u jedukah.*

*Il-Qorti hija konsapevoli li dan l-agir tal-foster family tieghu hija kappa sabiex tissalvagwardjah minn problemi ta' habs u tifhem dan l-agir, izda cionostante huwa fid-dmir taghhom li jkomplu jghinu lill-konvenut sabiex jistradawh fit-triq it-tajba u jgieghluh igharraf id-dmirijiet ta' missier, haga li lanqas jaf x'jigifieri minhabba l-assenza ta' missieru, li qatt ma refa' r-responsabbilitajiet tieghu.*

*Ghaldaqstant, il-Qorti tordna li l-konvenut ghandu jhallas is-somma ta' €200 fix-xahar ghall-minuri u theggu sabiex wara li jiehu t-terapiji kif diga' suggerit dina l-Qorti jfittex jimpjega ruhu u jieqaf milli jpoggi l-piz tad-dmirijiet tieghu fuq haddiehor.*

*Il-manteniment ghandu jibqa' jithallas sakemm it-tifel jahdem jew isir maggorenni jew jekk jibqa' jistudja fuq bazi full time sal-eta' ta' 23 sena.*

*Il-manteniment ghandu jizdied kull sena skond l-gholi tal-hajja, filwaqt li c-childrens allowance ghandu jigi ppercepit mill-attrici.*

***Arretrati ta' manteniment***

*L-attrici qed tippretendi li jkun hemm hlas tal-arretrati ta' manteniment, izda hija stess ipprezentat prospett minn fejn jirrizulta x' pagamenti ta'*

[48] Deċiza mill-Qorti tal-Familja nhar it-28 ta' Ġunju 2018, mhux appellata (Rik. Ġur. Nru. 131/2013RGM).
[49] AB v. CD deċiża fl-14 ta' Diċembru, 2022 Rik. 60/2017.

*manteniment saru.*[50] *Jirrizulta li kien hemm biss zewg pagamenti li ma sarux u dawn huma l-manteniment dovut f'Mejju, 2022 u dak ta' Lulju, 2022, li flimkien jammontaw ghall-€400.*

*Mill-istess prospett jirrizulta ukoll li saru diversi pagamenti mill-konvenut, kif ukoll minn CES, foster sister tal-konvenut. Dan huwa kkorroborat mill-istess xhud, kif ukoll minn ohtha US.*

*In kwantu jirrigwarda manteniment dovut minn Lulju, 2022 ma tressqux provi li kien hemm xi arretrati sallum u ghaldaqstant, dina l-Qorti fuq bazi ta' probabbilita' qed tikkonferma li m'hemmx iktar arretrati, salv ghall-€400 imsemmija iktar 'l fuq u dawn ghandhom jithallsu mill-konvenut.*
***Spejjez edukattivi/sahha***

*It-tifel jattendi l-iskola St. Edwards College, li hija skola privata b'mizati gholja pero' hija skola tajba u t-tifel J, gie rregistrat hemmhekk bil-buona volonta' taz-zewg partijiet.*

*Il-ftehim kien li l-partijiet ghandhom jaqsmu l-ispejjez edukattivi u ghalkemm il-konvenut jinsisti li dawn dejjem thallas bin-nofs, l-attrici pprezentat sales ledger transactions mahruga mill-Iskola St. Edwards, bejn il-perjodu tal-4 ta' Settembru, 2018 sas-26 ta' April, 2022 b'diversi dokumenti tac-cekkijiet li nhargu sabiex tindika kemm il-pagament ghamlet hi u kemm ghamel il-konvenut.*[51]

*Jirrizulta li l-pagamenti tal-mizati li ghamlet hi kienu jammontaw ghal €1,2121.50, filwaqt dawk li ghamel il-konvenut jammontaw ghas-somma ta' €3,194.50. Madankollu, l-attrici ikkalkulat il-mizati li hallset ghall-perjodu bejn Settembru, 2018 u Jannar, 2020 meta l-partijiet kienu ghadhom flimkien u ghalhekk s'intendi l-konvenut kien johrog l-ispejjes ukoll relatati mal-konvinenza.*

*Id-digriet tal-21 ta' Jannar, 2020 ordna li l-ispejjes edukattivi u tas-sahha ghandhom jinqasmu bejn il-partiijiet u ghaldaqstant dina l-Qorti ser tikkunsidra biss l-ispejjes li thallsu mill-6 ta' Frar, 2020 sas-26 ta' April, 2022. Dawn il-pagamenti fuq kollox ma gewx ikkontestati mill-konvenut.*

*Bejn l-4 ta' Settembru, 2017 sas-6 ta' Frar, 2020, l-attrici kienet hallset is-somma ta' €4,041 li ghandhom jitnaqqsu mis-somma pretiza minnha u cioe' €12, 121.50 (€12,121.50 -€4,041 = €8,080.50. B'hekk hemm diskrepanza ta' (€8,080.50- €3,194.50 =* ***€4,886****) li ghandu jithallas mill-konvenut lill-attrici.*

*L-ispejjez extra-kurrikulari tal-minuri J, ghandhom ukoll jigu maqsuma bejn il-partijiet, kif ukoll l-ispejjes relatati mal-iskola bhal attivitajiet, kotba u stationery.*

***Sahha***

[50] Dok.GM 11 a fol. 475.
[51] A fol. 407-454.

> *Dwar l-ispejjez tas-sahha, irrispettivament mill-atteggjament tal-konvenut li ma jarax ghalfejn ghandu jikkontribwixxi lejn dawn l-ispejjes, l-Qorti tirrileva li dawn l-ispejjes dejjem jinqalghu u xi kultant jistghu anke jkunu extraordinarji. Ghaldaqstant, l-ebda haga mhix ser tiggustifika jew tallontanah milli jikkontribwixxi ghal nofs dawn l-ispejjes.*
>
> *Ghaldaqstant, dina l-Qorti filwaqt li tikkonferma d-digriet taghha tal-21 ta' Jannar, 2020, izid mieghu dak li gie deciz iktar 'l fuq fl-intestaturi tal-manteniment.»*

6. Il-konvenut appella minn din is-sentenza fil-21 ta' Ġunju, 2024, u ressaq ħames (5) aggravji fejn fihom jilmenta dwar kif l-Ewwel Qorti żbaljat: (i) *«meta ordnat li l-kura u kustodja tal-minuri għandha tiġi vestita esklussivament f'idejn l-attriċi»*; (ii) *«meta ddeċediet li l-aċċess għandu jkompli jseħħ taħt superviżjoni, u dan għaliex marret kontra l-aktar rapport riċenti mill-espert maħtur minnha»;* (iii) minħabba *«rakkomandazzjonijiet li jmorru kontra dak suġġerit mill-aħħar rapport redatt mill-psikjatra Dr Peter Muscat ippreżentat nhar it-30 ta' Ottubru, 2023 li huwa l-aktar rapport riċenti t'espert inkarigat mill-Ewwel Qorti stess»*; (iv) *«meta kkonkludiet li l-konvenut għandu jħallas erba' mitt Ewro (EUR400) f'arretrati ta' manteniment»*; u (v) fl-*«apprezzament ħażin ta' diversi provi miġjuba quddiemha»*, fosthom ix-xhieda ta' AB, *hearsay evidence*, u r-rapport ta' Dr Moira Borg.

7. L-attriċi wieġbet għal dan l-appell fit-30 ta' Lulju, 2024, fejn hemmhekk hija tat ir-raġunijiet tagħha għalfejn hija temmen li l-appell tal-konvenut għandu jiġi miċħud.

8. Il-Qorti wara li fliet l-atti kollha tal-kawża, tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza b'riħet l-**Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

**Konsiderazzjonijiet:**

9. Fl-**<u>ewwel aggravju</u>**, il-konvenut jilmenta li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta akkordat lill-attriċi appellata l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri EDB. Fil-fehma tiegħu, u fl-aħjar interess tal-minuri, il-kura u kustodja għandha tkun waħda konġunta bl-iskop li flimkien jitgħallmu jikkoperaw għall-aħjar benefiċċju ta' binhom minuri. Il-konvenut itenni illi l-Ewwel Qorti waslet għal din il-konklużjoni minħabba apprezzament ħażin tal-provi, hekk kif skontu din straħet fuq allegazzjonijiet magħmula mill-attriċi fil-konfront tiegħu li baqgħu mhux ippruvati, speċifikament rigward: (i) il-vjolenza u l-aggressività; (ii) l-abbuż mid-droga; (iii) l-istabbilità mentali; (iv) il-verżjoni ta' Charlene Nadine Xerri; (v) ir-rakkomandazzjoni ta' Dr Moira Borg; u (vi) *parental alienation*.

10. L-attriċi tilqa' għal dan l-aggravju billi tgħid illi l-Ewwel Qorti kienet korretta fid-deċiżjoni tagħha, hekk kif huwa fl-aqwa interess tal-minuri li l-kura u l-kustodja tiegħu tkun fdata esklussivament f'idejha, filwaqt li rrepetiet mill-ġdid dak li kienet tenniet quddiem l-Ewwel Qorti.

11. Din il-Qorti tqis li meta tiġi biex tiddeċiedi dwar il-kura u l-kustodja ta' minuri, hija m'għandhiex tkun iddettata u kundizzjonata mill-kwalitajiet tajbin u n-nuqqasijiet tal-partijiet, iżda biss minn x'inhuwa l-aħjar interess tal-minuri (ara ***JP pro et noe v. JP*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ġunju, 2003). Għalkemm il-kura u l-kustodja tal-minuri għandha idealment tiġi fdata liż-żewġ ġenituri, f'każ bħal dan fejn il-ġenituri ma jiftehmux bejniethom u jkun hemm wisq kwistjonijiet, is-sistemà ta' kura u kustodja konġunta mhijiex waħda prattika u twassal biss għal tfixkil bla bżonn fit-trobbija tal-ulied (ara ***MC v. FC*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Ottubru, 2008 u ***AA v. JG*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Marzu, 2021). Dan aktar u aktar meta, hekk kif jista' jiġri fil-ħajja ta' kull bniedem, ikun hemm il-ħtieġa li jittieħdu deċiżjonijiet mgħaġġla u urġenti dwar is-saħħa tal-minuri (ara f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet ***Jethro Bugeja pro et noe v. Josette Bugeja Micallef*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-21 ta' Ottubru, 2021).

12. Fil-każ in eżami, il-minuri EDB, twieled fid-29 ta' Jannar, 2014, b'dana li llum għandu ħdax-il (11) sena. Mill-atti jirriżulta illi l-minuri għamel ħames (5) snin jgħix mal-ġenituri tiegħu taħt l-istess saqaf, sakemm dawn temmew ir-relazzjoni tagħhom, biex b'hekk il-minuri safa jgħix ma' ommu b'aċċess għal missieru kull ġimgħa. Ma jidhirx li l-minuri kien qed igawdi wisq lil missieru wara li r-relazzjoni tal-partijiet intemmet

fil-bidu tas-sena 2019, anzi jirriżulta li kien hemm anke perjodi ta' xhur sħaħ fejn l-aċċess waqaf kompletament. Jirriżulta wkoll, u dan minn rapporti tal-ħaddiema soċjali mqabbda mill-Ewwel Qorti illi kien hemm istanzi fejn il-minuri lanqas ma kien lest illi jiltaqa' ma' missieru, anzi ngħalaq fih innifsu u deher beżgħan.[52] Però u fil-mori tal-kawża, jidher li fil-maġġor parti taż-żmien, l-aċċess sar taħt superviżjoni fil-bini tal-Aġenzija Appoġġ. Magħdud ma' dan, permezz ta' digriet datat 17 ta' Jannar, 2022, l-attriċi ġiet fdata bil-kura u kustodja *pendente lite* tal-minuri. Għalhekk, din il-Qorti tara illi ma hemm l-ebda dubju li iben il-partijiet trabba u ġie kkurat prinċipalment mill-attriċi, li ilu sa minn età bikrija jgħix magħha, filwaqt li missieru kien qed jgħix band'oħra.

13. F'dan l-aggravju, il-konvenut appellat jibda sabiex jattakka dik il-parti tas-sentenza appellata li tgħid hekk:

> *«Minn dak id-digriet kien hemm diversi żviluppi u cirkostanzi li waslu lil dina l-Qorti sabiex tafda pendente lite l-kura u kustodja tal-minuri f'idejn l-attrici u dan b'digriet taghha tas-17 ta' Jannar, 2022.[53] Apparti li l-Qorti waslet biex hadet dina d-decizjoni a bazi tar-rapport tal-Avukat tat-Tfal Dr. Mary Muscat, kif ukoll a bazi tar-rapport tad-Direttorat ghall-Harsien tat-Tfal, li gew innominati minn dina l-Qorti wara li l-attrici ghamlet diversi allegazzjonijiet fil-konfront tal-konvenut, fosthom li huwa vjolenti, aggressiv, li jabbuza mid-droga u li anke ghandhom problemi mentali peress li kien gie rrikoverat fl-isptar Mount Carmel u li kellu konnessjonijiet mal-prostituti.»*

14. Madankollu jidher li l-konvenut ma fehemx dak li riedet tfisser l-

[52] Rapport tat-Taqsima tal-*Court Services* fi ħdan id-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal, datat 3 ta' Awwissu, 2021 u dan skont id-digriet tal-Ewwel Qorti tas-16 ta' Ġunju, 2021.
[53] *A fol.* 103.

Ewwel Qorti,[54] u minnflok ħadha qatta bla ħabel kontra tagħha illi hija bbażat ruħha fuq allegazzjonijiet li ebda minnhom ma ġew sodisfaċentament ippruvati fuq bilanċ ta' probabilità. Mis-sentenza appellata jidher illi fil-konsiderazzjonijiet tagħha, l-Ewwel Qorti, l-ewwel riedet tagħti rendikont ta' x'ġara *pendente lite*, biex wara għaddiet għall-evalwazzjoni ta' kull allegazzjoni vantata mill-attriċi kontra l-konvenut, ċjoè: (i) il-vjolenza u l-aggressjoni; (ii) l-abbuż mid-droga; (iii) il-problemi mentali; u (iv) l-konnessjonijiet mal-prostituti. B'hekk, ma jreġġix l-argument tal-konvenut appellant meta jagħti x'jifhem li l-Ewwel Qorti fdat il-kura u kustodja esklussiva tal-minuri f'idejn l-attriċi fuq allegazzjonijiet li ma ġewx xprunati mill-Qorti.

15. Rigward il-*vjolenza u l-aggressjoni*, l-Ewwel Qorti ħadet in konsiderazzjoni: (i) tad-diversi ordnijiet ta' protezzjoni maħruġa favur l-attriċi u kontra l-konvenut, li minħabba fihom kienet tal-fehma illi l-aġir tal-konvenut poġġa lill-attriċi u familtha f'riskju; (ii) tad-diversi *risk assessments*; (iii) rapporti ta' Dr Paul Daniel Micallef u Dr Etienne Muscat, fejn it-tnejn jitkellmu dwar il-fatt li l-konvenut ibati minn *distress*; u (iv) ix-xhieda ta' Charlene Xerri, li minnha l-Ewwel Qorti ma kinitx konvinta. Madankollu, l-Ewwel Qorti, fl-ebda waqt ma qalet iswed fuq abjad illi l-konvenut huwa tabilħaqq vjolenti u aggressiv.

[54] Hekk kif fl-appell jgħid: *«Illi l-Ewwel Qorti tkompli tgħid li minbarra r-rapporti msemmija fil-paragrafi preċedenti, hija fdat il-kura u kustodja lill-attriċi a bażi tal-allegazzjonijiet li għamle l-istess attriċi fil-konfront tal-konvenut, u ċjoè li huwa vjolenti, aggressiv, li jabbuża mid-droga, li għandu problemi mentali għax kien rikoverat fl-isptar Mount Carmel u li kellu konnessjoni mal-prostituti»*.

16. Però u fiċ-ċirkostanzi, din il-Qorti tinnota wkoll żewġ fatturi oħra li la l-Ewwel Qorti, u b'mod konvenjenti lanqas il-konvenut ma semmew:

i. *__Il-messaġġi li l-konvenut bagħat lill-attriċi__*, li jaqraw:

   *«meta tqum filgħodu ħares lejn wiċċek hemm tibqa' tiftakar fija meta ftaħt rasek»*;
   *«aħrab iġri għax se nbelħek libatura kollok»*;
   *«meta tmur nieħu r-ruħ, festa nagħmel»*;
   *«meta tibki l-għaxqa tiegħi, issa niftakar meta kont intik jiena tal-art, aħjar qtiltek meta kont qed intik»*;

ii. *__L-inċident li seħħ nhar it-3 ta' April, 2023 waqt l-aċċess taħt superviżjoni ġewwa l-bini tal-Aġenzija Appoġġ__*, fejn il-konvenut u quddiem il-minuri wera aġir aggressiv, u dan minħabba li xagħar il-minuri ġie mqaxxar u kien qasir. Il-konvenut spiċċa jgħid lill-minuri li kien qisu persuna marida, filwaqt li kompla jgħid u dan b'referenza għal sieħeb l-attriċi illi *«malajr indabbarlu rasu, għax jiena nagħmel waħda minn tiegħi u ma nibdiex nara»*. Wara siegħa mill-aċċess, il-minuri ried jitlaq lura għand ommu minħabba allegat uġigħ f'żaqqu.

17. Dawn iż-żewġ provi kienu sinifikanti ferm hekk kif fil-fehma ta' din il-Qorti, dawn juru b'mod ċar il-karattru u l-progress tal-konvenut. Apparti li jidher ċar illi bejn il-partijiet kien hemm relazzjoni turbolanti, huwa bil-wisq kruċjali li jiġi osservat l-aġir tal-konvenut meta kien mal-minuri waqt l-aċċess. Jidher ċar illi l-konvenut huwa impulsiv u ma jafx irażżan ilsienu, bir-riżultat li bi kliemu jweġġa' lil ta' madwaru u joħloq skumdità minħabba

theddid inutli. Din il-Qorti ssaqsi, kif jista' jħossu minuri waqt li jisma' lil missieru jgħid u jaġixxi hekk? Kif jista' l-minuri jipperċepixxi lil missieru f'waqt bħal dak - missier li qed jimpenja ruħu li jibni relazzjoni ma' ibnu, jew missier li mhux sensittiv għall-emozzjonijiet ta' ibnu?

18. Jirriżulta wkoll li qabel ma' seħħ dan l-inċident, il-konvenut kien temm b'suċċess il-kors tal-*positive parenting*. Madankollu jidher illi dak li tgħallem il-konvenut ma kienx qed japplikah fil-ħajja ta' kuljum. Għal din il-Qorti ma huwiex biżżejjed illi wieħed jattendi l-korsijiet, iżda din għandha l-obbligu li tara li tali persuna qed timpenja ruħha li ttejjeb lilha nnifisha, u dan iktar u iktar meta jidħlu fin-nofs il-minuri.

19. Barra minn hekk, din il-Qorti tifhem illi l-esperti fil-qasam kollha saħqu illi l-konvenut ma huwiex bniedem vjolenti u aggressiv, iżda fiċ-ċirkostanzi u fid-dawl tal-provi msemmija, din il-Qorti ma tħossx li għandha tistrieħ fuq il-konklużjoni tagħhom u lanqas ma hija komda tieħu riskju meta hawnhekk qed jiġi kkunsidrat il-*benessere* ta' minuri. Fi kwalunkwe każ, il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jagħti lill-Qorti l-fakultà li ma taddottax il-konklużjonijiet milħuqa mill-periti tal-qorti kontra l-konvinzjoni tagħha stess. (Ara l-**Artikolu 681** u ***John Saliba v. Joseph Farrugia***, deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Jannar, 2000).

20. Rigward *l-abbuż mid-droga*, din il-Qorti taqbel perfettament mal-

konsiderazzjonijiet magħmula mill-Ewwel Qorti. Mill-atti jirriżulta illi l-konvenut beda jabbuża mid-droga minn età żgħira, hekk kif mit-*ticket referral* għall-isptar Mount Carmel meta l-konvenut kellu sittax-il (16) sena jidher illi huwa ġie ammess minħabba *«mental and behavioural disorders due to multiple drugs and use of other substances»*. Għalkemm il-konvenut jittenta jpenġi xenarju fejn huwa abbuża biss mid-droga fil-perjodu fejn kien għaddej minn problemi varji, tant li spiċċa rikoverat għal ftit jiem ġewwa l-isptar St James, din il-verżjoni ma titwemminx minn din il-Qorti. Dan jingħad ukoll fid-dawl: (i) tal-messaġġ li huwa bagħat lill-attriċi, fejn jgħid: *«I'm going to stop taking drugs. It's just I'm an addict to it and it's killing me»;* u (ii) fil-kontroeżami tal-konvenut huwa jgħid ukoll li matul ir-relazzjoni tiegħu mal-attriċi, it-tnejn li huma kienu jabbużaw mid-droga, u jispiċċa jgħid li allura ħadd minnhom ma huwa responsabbli biżżejjed sabiex jieħu ħsieb lill-minuri.

21. Huwa minnu illi fil-mori tal-kawża l-konvenut talab lill-Ewwel Qorti sabiex jissottometti ruħu għat-test kontra d-droga regolarment. Fil-fatt din it-talba ġiet milqugħa *seduta stante* fil-21 ta' Frar, 2022. Mill-atti jidher li saru biss żewġ testijiet – fid-29 ta' April, 2022 u fis-6 ta' Mejju, 2022, liema rriżultaw fin-negattiv. Ma jidhirx li sakemm ingħatat is-sentenza, saru iktar testijiet. Lanqas ma jidher illi l-konvenut qatt kien taħt l-influwenza tad-droga waqt li kien mal-minuri, anzi jidher li meta kien qiegħed ħażin, hu dejjem irrifjuta li jmur għall-aċċess. Minkejja dan, din il-Qorti hija

moralment konvinta illi fid-dawl tat-tendenzi li għandu l-konvenut,[55] hija għandha tkun iktar kawta fid-deċiżjoni tagħha.

22. Rigward *__l-istabbilità mentali__*, din il-Qorti tara li l-Ewwel Qorti, wara li rat ir-rapporti ta' Dr Paul Daniel Micallef, Dr Etienne Muscat u ta' Dr Peter Muscat, ma kkummentatx jekk hija hux ser tistrieħ jew le fuq tali rapporti. Jidher li dawn ir-rapporti kollha jaslu għall-istess konklużjoni, ċjoè li l-konvenut ma jbatix minn mard mentali. Jidher ukoll illi l-imsemmija rapporti saru bir-reqqa, u ma hemm l-ebda raġuni serja u valida biżżejjed sabiex din il-Qorti titbiegħed minnhom. Min-naħa l-oħra jidher li l-attriċi xorta waħda baqgħet tinsisti illi l-konvenut ibati minn problemi ta' saħħa mentali. Minkejja dan, hija naqset milli tattakka r-rapporti ta' kull perit *ex parte* tal-konvenut, u kif ukoll dak tal-espert imqabbad mill-Qorti *ex officio*, hekk kif hija naqset milli tressaq talba għal ħatra ta' periti addizzjonali fit-termini tal-**Artikolu 677 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**.

23. Rigward il-*__konnessjoni mal-prostituti__*, din il-Qorti ma għandha xejn xi żżid ma' dak li diġà qalet l-Ewwel Qorti.

24. Magħdud ma' dan, il-konvenut jilmenta wkoll dwar kif id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti rigward il-kura u kustodja tal-minuri ma kinitx korretta hekk kif hija żbaljat rigward:

[55] Li jabbuża mid-drogi meta jkun għaddej minn perjodu ikrah, jew inkella jibda xi relazzjoni ma' xi ħadd.

i. *<u>Ix-xhieda u l-allegazzjonijiet ta' Charlene Xerri</u>*: Il-konvenut jilmenta illi minkejja li l-Ewwel Qorti ndunat bin-nuqqas ta' kredibbiltà tax-xhieda ta' Charlene Xerri, bħala l-ex-mara tal-konvenut, hija xorta waħda għamlet referenza għall-istess xhieda. Jilmenta wkoll kif l-Ewwel Qorti tat il-benefiċċju tad-dubju lill-attriċi li hija tabilħaqq immanipulat lil Charlene Xerri sabiex tixhed kontra l-konvenut. Mill-atti jidher kunfliġġenti wisq jekk din Charlene Xerri ġietx manipulata mill-attriċi jew inkella ridetx tivvendika ruħha mill-konvenut.

Madankollu, din il-Qorti hija konvinta illi l-affidavit ta' Charlene Xerri ġie mħejji u ppreżentat b'pika u vendikazzjoni da parti l-attriċi kif ukoll ta' Charlene Xerri – u dan iktar fid-dawl li din tal-aħħar ma kinitx imniżżla fil-lista tax-xhieda tal-attriċi. Però mis-sentenza appellata, ma jidhirx illi din ġiet ibbażata fuq ix-xhieda ta' Charlene Xerri, iżda fuq provi oħra li għall-Ewwel Qorti kienu fiċ-ċirkostanzi aktar kredibbli u verosimili.

ii. *<u>Ir-rakkomandazzjonijiet ta' Dr Moira Borg rigward l-attriċi</u>*: Din l-esperta ġiet maħtura mill-Ewwel Qorti permezz ta' digriet tat-22 ta' Lulju, 2022 wara li sar rikors mill-konvenut sabiex, fost oħrajn, tinħatar psikologa sabiex tevalwa lill-minuri. Fir-rapport tagħha, Dr Moira Borg, irrakkomandat fir-rigward tal-attriċi, sabiex din tibda

terapija bil-għan li tirregola l-ansjetà u ma taffettwax lill-minuri. Ir-rakkomandazzjonijiet tal-esperta ġew milqugħa mill-Ewwel Qorti permezz ta' digriet datat 15 ta' Diċembru, 2022. Madankollu, fil-mori tal-kawża jirriżulta illi l-attriċi naqset milli taderixxi ruħha ma' din ir-rakkomandazzjoni, tant li fis-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti ordnat lill-attriċi sabiex tieħu din it-terapija.

Min-naħa tiegħu, il-konvenut għalhekk qed jilmenta illi l-Ewwel Qorti: (i) kellha tara illi t-terapija in kwistjoni tinbeda mill-attriċi fil-mori tal-kawża sabiex ikollha serħan il-moħħ illi l-problema tal-ansjetà ġiet riżolta; u (ii) li din kienet inġusta fil-konfront tiegħu, hekk kif għall-kuntrarju tiegħu, l-attriċi ma kinitx soġġetta għal diversi assessjar. Din il-Qorti tifhem l-argument tal-konvenut, madankollu jiġi sottolinejat illi: (i) bħall-attriċi, il-konvenut naqas milli jsegwi r-rakkomandazzjonijiet kollha suġġeriti minn Dr Etienne Muscat[56] u Dr Paul Daniel Micallef,[57] u bl-istess mod l-Ewwel Qorti ordnatlu illi jagħmel it-test rakkomandat; u (ii) il-konvenut issottometta ruħu għal diversi testijiet u assessjar, iżda wħud minnhom kienu fuq deċiżjoni volontarja għax ħass il-bżonn li hekk kellu jsir għall-ħarsien ta' saħħtu.

[56] *He has been advised to consider psychometric testing to identify and clarify his cognitive level of functioning and ability to pay attention. He has also been advised to consider rehabilitation at a dedicated centre for behaviour addictions.*
[57] *(i) Individual personal pyschological therapy; (ii) course of EDMR to speed up healing and theraputic process; and (iii) parental skill course for children.*

iii. Il-*parental alienation*: Il-konvenut jilmenta kif dan huwa riżultat tal-pika tal-attriċi, tant illi: (i) kien hemm drabi fejn ċaħditu milli jgawdi lil ibnu f'Jum il-Missier; (ii) l-attriċi pruvat kemm-il darba tissospendi l-aċċess fil-mori tal-kawża; u (iii) il-minuri jgħajjat lill-konvenut b'ismu. Fil-fatt l-Ewwel Qorti jidher li tirrikonoxxi li hemm *parental alienation.*[58] Minkejja dan, għandu jingħad illi l-fattur tal-*parental alienation* waħdu, ma għandu qatt ikun ta' inċentiv għall-Qorti sabiex tiddeċiedi li l-kura u kustodja ta' minuri tkun fdata b'mod konġunt f'idejn il-ġenituri bl-iskop li telimina l-istess *parental alienation*. Din għandha tiġi eliminata biss b'terapija u korsijiet li ż-żewġ ġenituri għandhom jattendu u jieħdu bis-serjetà bl-iskop li jaraw lil hinn mill-pika ta' bejniethom – u dan jekk verament iridu l-ġid ta' wliedhom.

25. Tenut kont taċ-ċirkostanzi din il-Qorti tara illi d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti hija korretta. Anzi, hija tara illi fiċ-ċirkostanzi ma hemmx lok illi l-kura u kustodja tkun konġunta, minħabba li: (i) ma hemm l-ebda prova li turi li l-minuri ma kienx indukrat u mrobbi sew minn ommu, jew li l-attriċi ħadet deċiżjonijiet mhux fl-interess tiegħu waqt li qed jgħix u jirrisjedi magħha; (ii) il-partijiet ma jikkomunikawx bejniethom u dan minħabba l-pika li hemm bejniethom, kif ukoll minħabba d-diverġenza fil-karattri; u (iii) il-

[58] *Il-Qorti tissollecita lill-partijiet sabiex jikkooperaw mal-Qrati, mad-Dipartiment ghall-Ħarsien tat-Tfal u dawk kollha nvoluti fil-kaz, iwarrbu l-piki u l-vendetti ta' bejniethom u jaħdmu id f'id sabiex il-minuri jakkwista l-istabbilità u għalhekk jifhem is-sens ta' għaqda bejn il-ġenituri u hekk biss tista' tiġi ssorvolata l-parental alienation.*

minuri daħal f'rutina sa minn mindu kien għadu żgħir, liema rutina ma jidhirx li huwa fl-interess tiegħu li din tiġi ddisturbata.

26. Għalhekk, dan juri biċ-ċar li mhuwiex prattiku fiċ-ċirkostanzi illi l-kura u kustodja tal-minuri tkun konġunta bejn il-partijiet, iżda din il-Qorti hija wkoll tal-fehma illi huwa fl-aħjar interess taż-żewġ minuri li din tkun fdata esklussivament f'idejn l-attriċi, fejn il-kwistjonijiet kollha li jikkonċernaw lill-minuri jiġu deċiżi mill-attriċi peress li hija l-persuna li tieħu ħsieb lill-minuri, u dan inkluż il-ħruġ u t-tiġdid tal-passaport tal-minuri.

27. Għalhekk l-Ewwel Qorti kienet korretta meta qalet li l-kura u kustodja tkun vestita esklussivament f'idejn l-attriċi. Madankollu, din il-Qorti tara li għal kull *buon fini* għandha tispeċifika illi: (a) il-konvenut għandu jiġi infurmat perjodikament bil-progress tat-tifel fl-iskola; (ii) l-attriċi għandha tipprovdi lill-konvenut bid-dettalji tal-iskola fejn jattendi t-tifel, kif ukoll bl-attivitajiet extra-kurrikulari li huwa jattendi; (iii) il-konvenut għandu dritt jitlob lill-amministrazzjoni tal-iskola informazzjoni dwar il-progress ta' ibnu fl-iskola; (iv) il-konvenut għandu jiġi infurmat f'każ li ibnu jiddaħal l-isptar u jingħata aħbarijiet regolari dwar il-kundizzjoni medika u l-progress fis-saħħa tiegħu; (v) il-konvenut għandu jiġi infurmat bi kwalsiasi bidla fir-residenza ta' ibnu; u (vi) il-konvenut għandu jiġi kkonsultat dwar deċiżjonijiet importanti ta' saħħa u edukazzjoni, b'dana però li fi kwistjonijiet urġenti, l-attriċi tkun tista' tiddeċiedi waħedha mingħajr ma tikkonsulta lill-konvenut.

28. Din id-deċiżjoni ssegwi l-aktar tagħlim riċenti ta' din il-Qorti f'sitwazzjonijiet simili (ara ***Jael Cassar v. Robert Cassar***, deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta' Jannar, 2025; ***Dr Corinne Wood v. Dr Martin Schranz*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Lulju, 2024; ***Kelly Schembri v. Diemo Leon Albilt*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Ġunju, 2024; ***Karen Borg v. L-Avukat Dottor Joseph Grech nomine*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta' Ottubru, 2022; ***Joseph Vella v. Lorraine Vella Calleja*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Marzu, 2022; u ***Anastasija Afanasjeva v. Dr Benjamin Valenzia et nomine*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-21 ta' Ottubru, 2021).

29. B'hekk, dan l-aggravju qed jiġi miċħud.

30. Fit-**tieni aggravju**, il-konvenut jilmenta illi l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta ddeċediet illi l-aċċess għal ibnu għandu jkompli jsir taħt superviżjoni u dan għaliex b'hekk il-Qorti marret kontra l-konklużjoni tal-espert imqabbad minnha Dr Peter Muscat. Jispjega li fir-rapport tal-espert, datat 30 ta' Ottubru, 2023, kif ukoll ix-xhieda tiegħu tas-16 ta' Novembru, 2023, il-psikjatra Dr Muscat ikkonferma illi ma hemmx lok illi l-aċċess isir taħt superviżjoni u fil-bini tal-Aġenzija Appoġġ. Minkejja dan, l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, għażlet li tmur kontra l-istess konklużjoni, bir-riżultat illi qed tgħaddi messaġġ li lill-konvenut ma tridx tafdah. Sabiex isaħħaħ l-arġument tiegħu, il-konvenut appellant jagħmel

ukoll referenza għar-rapporti ta' Dr Paul Daniel Micallef. Jgħid ukoll illi r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti permezz tal-ħames kap tad-deċiżjoni għandhom jiġu revokati.

31. Min-naħa l-oħra, l-attriċi ttenni illi ma huwiex minnu li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata fid-deċiżjoni tagħha, anzi tkompli tgħid li din għamlet l-almu tagħha sabiex ikun hemm aċċess garantit. L-attriċi tikkonferma illi, minkejja kollox, huwa minnu illi l-konvenut ma segwiex dak propost minn Dr Etienne Muscat, ċjoè illi jissottometti ruħu għat-test ta' EDMR bl-iskop li jfieq mit-trawmi tal-passat. Fid-dawl ta' dan, l-attriċi tgħid li l-Ewwel Qorti kienet ġusta, fejn faslet pjan sabiex tassigura li l-konvenut jaġixxi ta' missier tajjeb bl-iskop aħħari li jkun f'ħajjet il-minuri u tiġi eliminata kull possibbiltà ta' *parental alienation*.

32. F'dan il-kuntest, din il-Qorti tissokta tgħid illi l-aċċess għall-ulied, huwa dritt ta' kull wild sabiex ikollu relazzjoni mal-ġenitur li ma jkunx qiegħed jgħix miegħu. Meta jitqies kif għandu jsir l-aċċess għall-ulied għandu jintlaħaq bilanċ bejn id-dritt tal-ġenitur għall-aċċess għal uliedu skont iċ-ċirkostanzi tiegħu imma dejjem fl-aħjar interess tal-minuri. F'dan is-sens huwa miżmum fil-ġurisprudenza li l-ġiri minn ġenitur għal għand l-ieħor iġib miegħu ċertu nuqqas ta' stabbiltà fil-ħajja tal-minuri li jista' jaffettwa negattivament l-iżvilupp soċjali u psikoloġiku tagħhom u jżidilhom l-konfużjoni f'ħajjithom (ara ***Lara Cassar v. Oliver Bonanno*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' April, 2012 u ***Joseph Micallef pro***

***et noe v. Lesya Micallef nèe Grinishina*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta’ Diċembru, 2018). Magħdud ma’ dan, jiġi miżjud ukoll li l-aċċess għall-ulied lill-ġenitur li jkun ilu assenti minn ħajjet il-minuri jista’ jingħata biss wara li ssir l-evalwazzjoni meħtieġa mill-professjonisti biex jiġi stabbilit jekk dan ikunx fl-aħjar interess tal-minuri (ara ***Gwendolen Kucukkaya v. Selcuk Kucukkaya*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta’ Novembru, 2022).

33. Fil-każ odjern, jidher li l-kwistjoni tal-aċċess kienet kombattuta immens. Jidher li fil-mori tal-medjazzjoni u l-kawża, l-aċċess kien regolat hekk:

i. B’mod informali fil-medjazzjoni bin-numru 625/2019, il-partijiet qablu li l-aċċess iseħħ kull nhar ta’ Erbgħa għal sagħtejn jew tliet sigħat, kif ukoll *sleepover* fil-*weekend*;

ii. Permezz ta’ digriet datat 30 ta’ Settembru, 2020, il-Qorti ddeċediet illi l-aċċess għandu jseħħ kull nhar ta’ Tlieta u Ġimgħa bejn il-5.00pm u s-7.30pm, u f’każ li l-konvenut ma jkollux xogħol fil-*weekend* jista’ jkun hemm lok għal *sleepover*;

iii. Permezz ta’ digriet datat 16 ta’ Ġunju, 2021, il-Qorti ssospendiet l-aċċess, filwaqt li ħatret lil Dr Mary Muscat bħala Avukat tat-Tfal u

ordnat li ħaddiema soċjali minn Aġenzija Appoġġ jagħmlu assessjar dwar il-possibbiltà ta’ aċċess superviżjonat;

iv. Permezz ta’ digriet datat 17 ta’ Jannar, 2022, il-Qorti rriżervat il-pożizzjoni tagħha dwar aċċess superviżjonat;

v. Permezz ta’ digriet datat 22 ta’ Lulju, 2022, il-Qorti ordnat li jseħħ aċċess ta’ darba fil-ġimgħa u darba fil-*weekend* għal sagħtejn kull darba, u dan taħt is-superviżjoni tal-Aġenzija Appoġġ – liema aċċess seta’ biss jiżdied bir-rakkomandazzjoni tad-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal. Ħatret ukoll lil Dr Moira Borg sabiex tiltaqa’ mal-minuri u l-ġenituri u tħejji rapport dwar ir-relazzjoni eżistenti;

vi. Digriet tal-15 ta’ Diċembru, 2022, fejn il-Qorti laqgħet ir-rakkomandazzjonijiet ta’ Dr Moira Borg, fosthom li jibqa’ jkun hemm aċċess superviżjonat ġewwa l-bini tal-Aġenzija Appoġġ;

vii. Digriet tas-7 ta’ Diċembru, 2023, fejn wara l-inċident li seħħ fit-3 ta’ April, 2023 ġewwa l-bini tal-Aġenzija Appoġġ, il-Qorti ordnat li jsir aċċess darba fil-ġimgħa għal sagħtejn taħt is-superviżjoni tad-Direttur għall-Ħarsien tat-Tfal. Fis-seduta tat-18 ta’ Jannar, 2024, il-Qorti ordnat li dan l-aċċess jista’ jsir barra mill-bini tal-Aġenzija Appoġġ.

34. Stabbilit dan, din il-Qorti tara wkoll illi permezz ta' digriet datat 22 ta' Ġunju, 2023, l-Ewwel Qorti kienet tal-fehma li wara li rat ir-rapporti ta' Dr Moira Borg tal-14 ta' Novembru, 2022 u tal-21 ta' Marzu, 2023, hija kellha taħtar espert psikjatriku, u b'hekk ġie maħtur Dr Peter Muscat. Huwa minnu li Dr Peter Muscat ġie maħtur bħala Espert tal-Qorti *ex officio* u li fir-rapport tiegħu huwa kkonferma illi ma hemmx lok illi l-aċċess ikun superviżjonat jew li jsir fil-bini tal-Aġenzija Appoġġ. Minkejja dan, l-Ewwel Qorti kienet tal-fehma illi fiċ-ċirkostanzi u dan bl-iskop li tissalvagwardja l-interessi supremi tal-minuri, tħejji pjan sabiex isserraħ moħħha li jkun hemm lok illi l-konvenut u ibnu jippruvaw jibnu relazzjoni ta' missier u iben. Mis-sentenza appellata jidher ċar illi dan il-pjan huwa wieħed kawt u jinvolvi passi gradwali għall-eżerċitar tal-aċċess.

35. Jerġa' jiġi mfakkar illi l-Qorti għandha kull fakultà li ma tadottax il-konklużjonijiet milħuqa mill-periti tal-qorti kontra l-konvinzjoni tagħha stess (ara l-**Artikolu 681** u ***John Saliba v. Joseph Farrugia***, deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Jannar, 2000). Dan iktar u iktar meta fit-termini tal-**Artikolu 149 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, hi għandha diskrezzjoni wiesgħa sabiex taġixxi fl-aħjar interessi tal-minuri. Sfiq ma' dan, jirriżulta għalhekk illi l-Ewwel Qorti kienet tal-fehma illi jkun iktar idoneju fiċ-ċirkostanzi li ma tieħux riskju u tkun fiċ-ċert dwar l-intenzjoni u l-impenn tal-konvenut *vis-à-vis* ibnu. Din il-Qorti ma tara xejn ħażin f'dan ir-raġunament. Anzi pjuttost tara illi kien wieħed għaqli min-naħa tal-Ewwel Qorti, ġaladarba minn qari tal-atti jidher ċar li hemm il-

pika bejn il-partijiet, u huwa stat ta' fatt li l-konvenut għadu mhux kapaċi jrażżan lilu nnifsu f'mumenti fejn iħossu taħt attakk.

36. Huwa illoġiku għall-aħħar illi l-konvenut jippretendi aċċess mingħajr superviżjoni kif ġieb u laħaq. Din il-Qorti ma għandha l-ebda dubju illi l-intenzjoni tal-Ewwel Qorti ma kinitx illi ma tafdax lill-konvenut, iżda b'lealtà lejn l-aktar persuna vulnerabbli fis-sitwazzjoni, ċjoè l-minuri, hija riedet illi tkun fiċ-ċert illi l-interessi tal-minuri jkunu mħarsa. Din il-Qorti tissimpatizza mal-konvenut u tifhem illi huwa kellu tfulija u trobbija diffiċli mmens. Madankollu, huwa fil-kompitu tal-konvenut illi jiġġieled it-trawmiet tiegħu. Però u nelfrattemp, din il-Qorti ssostni illi hija għandha obbligu lejn il-minuri u l-aċċess kif jixtieq il-konvenut jista' jkun possibbli biss meta jintwera permezz ta' provi konkreti illi huwa qed jimpenja ruħu sabiex ikun missier li jaġixxi fl-aħjar interessi ta' ibnu.

37. Fi kwalunkwe każ u sabiex ma jinqatax għalkollox il-kuntatt bejn il-missier u l-iben aktar milli ġia seħħ u għas-serħan il-moħħ tal-konvenut li terġa tinbena relazzjoni ma' ibnu li issa beda jikber fl-età, din il-Qorti hija tal-fehma illi fiċ-ċirkostanzi hemm lok illi jiżdied ukoll ma' dak li diġà ordnat l-Ewwel Qorti rigward l-aċċess, illi l-aċċess superviżjonat ta' darba fil-gimgħa kif rakkomandat mill-Ewwel Qorti jibda mill-ewwel u mhux wara li sseħħ it-terapija imsemmija. B'żieda għandu wkoll ikun hemm evalwazzjoni tas-sitwazzjoni bejn il-konvenut appellant u ibnu mid-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal fi żmien tliet (3) xhur minn meta jibda jiġi

eżerċitat l-aċċess taħt superviżjoni sabiex jiġi determinat jekk hemmx lok illi l-aċċess isir mingħajr superviżjoni, u dan b'mod gradwali u naturali għall-aħħar, hekk kif suġġerit ukoll minn Dr Paul Daniel Micallef fir-rapport tiegħu tal-25 ta' Jannar, 2023.[59] Jekk il-konvenut jonqos li jissottometti ruħu għat-terapija tal-EMDR meta mitlub minnufih, l-aċċess għandu jieqaf sa mal-konvenut jissottometti ruħu għat-terapija.

38. Għalhekk, l-aggravju tal-konvenut qiegħed jiġi milqugħ fil-limiti msemmija.

39. Fit-**<u>tielet aggravju</u>**, il-konvenut jilmenta illi huwa għandu r-riżervi tiegħu rigward żewġ rakkomandazzjonijiet tal-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, u dan billi marret kontra dak li hemm fir-rapport ta' Dr Peter Muscat, ċjoè: (i) għall-fatt li l-konvenut għandu jattendi għal sessjonijiet ta' EDMR kif suġġerit minn Dr Etienne Muscat, u dan minkejja li Dr Peter Muscat ma kkonfermax dan; u (ii) nuqqas ta' raġuni għaliex l-Ewwel Qorti bbażat ruħha fuq il-konklużjoni ta' Dr Etienne Miscat minnflok dawk ta' Dr Peter Muscat.

40. L-attriċi tilqa' għal dan l-aggravju billi tagħmel referenza għal numru ta' ġusrisprudenza li jiffukaw fuq **Artikolu 681 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**.

---

[59] Fol. 880, Volum Numru 4.

41. Din il-Qorti tara li dan l-aggravju ma għandux mis-sewwa. Kif diġà intqal aktar 'il fuq f'din is-sentenza, din il-Qorti ma hija bl-ebda mod marbuta bil-konklużjonijiet tar-rapporti tal-esperti mqabbda minnha. Magħdud ma' dan, din il-Qorti diġà kkonfermat li ma kien hemm xejn ħażin fil-fatt li l-Ewwel Qorti għażlet li taddotta pjan kawt sabiex tissalvagwardja l-interessi tal-minuri. Jidher li l-konvenut qed jara l-interessi tiegħu biss.

42. Ma huwiex kontestat li l-konvenut ġie assessjat minn tlett esperti fil-qasam tas-saħħa mentali, fejn tnejn minnhom kienu *ex parte*, u l-ieħor kien imqabbad bħala Espert tal-Qorti. Però u għalkemm Dr Peter Muscat bħall-esperti l-oħra, ikkonferma li l-konvenut ma għandux problemi ta' saħħa mentali, kemm l-Ewwel Qorti kif ukoll din il-Qorti, huma tal-fehma illi għall-interess suprem tal-minuri jkun għaqli illi r-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-esperti *ex parte* jiġu addottati. Għal kull *buon fini*, din il-Qorti tippuntwalizza li l-kors tal-EDMR ma ġiex irrakkomandat minn Dr Etienne Muscat, iżda minn Dr Paul Daniel Micallef fir-rapport tiegħu tal-4 ta' Mejju, 2021, bil-għan *«to speed up healing and therapeutic process»*. Din il-Qorti tispiċċa ssaqsi, għaliex għandha tinjora r-rakkomandazzjonijiet ta' Dr Micallef bħala l-espert li ilu jara lill-konvenut b'mod regolari sa mill-2020 u jaf perfettament x'għandu bżonn sabiex ikun missier aħjar? Ikun irresponsabbli għall-aħħar minn din il-Qorti kieku kellha tinjora tali rakkomandazzjoni, u dan sabiex tidher li qed tħaffef il-proċess.

43. Għalhekk dan l-aggravju qiegħed ukoll jiġi miċħud.

44. Fir-**<u>raba' aggravju</u>**, il-konvenut jilmenta illi l-Ewwel Qorti ma kellhiex tordnalu jħallas arretrati ta' manteniment fis-somma ta' €400 (għax-xhur ta' Mejju u Lulju, 2022), iżda s-somma korretta kellha tkun dik ta' €200 (għax-xahar ta' Mejju, 2022) u dan fid-dawl tal-provi mressqa.

45. Min-naħa l-oħra, l-attriċi tgħid illi dan l-aggravju juri kemm il-konvenut iqis l-interessi tiegħu l-ewwel imbagħad dawk tal-minuri. Hija fl-istess waqt tikkonferma illi l-konvenut għandu jħallas is-somma ta' €400 f'arretrati ta' manteniment.

46. F'dan ir-rigward din il-Qorti rat:

i. Mar-rikors datat 15 ta' Ġunju, 2022, il-konvenut ressaq prova għall-ħlas ta' manteniment għall-perjodu bejn Frar, 2020 sa Ġunju, 2022;[60]

ii. Fir-risposta datata 19 ta' Lulju, 2022, l-attriċi ppreżentat prospett magħmul minnha stess fejn iddikjarat illi l-konvenut ma ħallasx il-manteniment għal Mejju u Lulju, 2022.[61]

[60] Fol. 343 – 356.
[61] Fol. 475.

47. Din il-Qorti tara illi l-Ewwel Qorti bbażat id-deċiżjoni tagħha fuq il-fatt li l-konvenut għandu jħallas is-somma ta' €400 f'arretrati ta' manteniment fuq bażi ta' probabbiltà.

48. F'dan il-kuntest, din il-Qorti tara illi fir-rigward ta' allegazzjoni ta' pagamenti ta' ħlas, il-prova ta' pagament kienet ċertament tinkombi fuq il-konvenut li allega l-istess. Hi fil-fatt ġurisprudenza paċifika illi min jallega pagament, għandu jippruvah għas-sodisfazzjoni tal-Qorti, u fid-dubju u fin-nuqqas ta' rċevuta jew prova, għandu jibqa' japplika l-prinċipju *actor non probante, reus absolvitur* bir-riżultat li tipprevali li l-preżunzjoni li dan ma seħħx (ara ***Giuseppe Darmanin v. Salvatore Muscat***, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-23 ta' Frar, 1965; ***Andrew Dalli v. Michael Balzan noe***, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-31 ta' Jannar, 2003).

49. Magħdud ma' dan, din il-Qorti tara wkoll illi huwa prinċipju assodat fil-ġurisprudenza li min jallega jrid jipprova – *qui allegat probat*. Mhux dubitat li l-*onus probandi* jinkombi fuq min jafferma fatt u mhux fuq min jinnegah – *ei incumbit probatio qui dicit, non ei qui negat*, u dan abbażi tal-**Artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**. L-istess jingħad fir-rigward ta' ħlas li sar, fejn il-prova tal-istess ċertament tkun taqa' fuq il-persuna li tallega l-istess, u fin-nuqqas li dan isir, għandha għalhekk tipprevali l-preżunzjoni li l-pagament ma jkunx sar.

50. B'hekk u fin-nuqqas ta' prova ta' dan il-ħlas min-naħa tal-konvenut, huwa għandu bilfors jiġi ordnat iħallas tali pagament ta' €400.

51. Għalhekk dan l-aggravju qed jiġi miċħud.

52. Fil-**<u>ħames aggravju</u>**, il-konvenut jilmenta illi l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi miġjuba quddiemha, b'mod partikolari fir-rigward: (i) tax-xhieda tal-attriċi; (ii) tal-*hearsay evidence*; u (iii) tar-rapport ta' Dr Moira Borg.

53. L-attriċi tirribatti billi tgħid illi ma huwiex minnu li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi.

54. Għalkemm din il-Qorti għandha tara u tifli l-prova u l-valutazzjoni magħmula mill-Ewwel Qorti, m'għandhiex taqbad u twarrabha jekk ma jkunx hemm raġunijiet tabilħaqq serji biex tagħmel dan. Il-funzjoni ta' reviżjoni li trid tagħmel din il-Qorti ma twassalx bilfors biex twarrab id-diskrezzjoni tal-eżerċizzju tal-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-Ewwel Qorti, bħallikieku ma sar xejn. Għall-kuntrarju, jekk jirriżulta li l-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-Ewwel Qorti huwa wieħed sostnut mill-provi li jinsabu fl-atti, u li l-konklużjonijiet tas-sentenza appellata jkunu s-sinteżi tar-raġunament mibni fuq dawk il-provi u t-tħaddim xieraq tal-liġi dwarhom, din il-Qorti ma twaqqax dik id-diskrezzjoni.

55. B'dawn il-prinċipji f'moħħ il-Qorti, il-Qorti kompliet billi rat u kkunsidrat mill-ġdid il-provi li għalihom jagħmel referenza l-konvenut fl-aggravju in eżami.

56. Rigward *l-affidavit tal-attriċi*, din il-Qorti tara li l-konvenut jilmenta li fih hemm ħafna gideb, minkejja li hu ġuramentat. Għalhekk huwa konvint li l-attriċi rnexxielha tqarraq bil-Qorti. Fid-dawl ta' dan, il-Qorti fliet mill-ġdid il-verżjoni taż-żewġ partijiet, u jidher ċar illi hemm żewġ verżjonijiet kontrastanti għal xulxin. F'sitwazzjonijiet ta' din in-natura, huwa opportun li jiġi senjalat li f'materja ta' xhieda u apprezzament tal-provi, japplika l-prinċipju li l-provi u x-xhieda *ponderantur non numerantur*, ċjoè l-Qorti tista' tikkunsidra bħala veritiera prova waħda u/jew ix-xhieda ta' xhud wieħed biss, kemm-il darba tkun konvinta mill-veraċità minn tali prova u/jew xhieda. (Ara ***Moviment Azzjoni Soċjali v. Noel Borg***, deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Lulju, 2014).

57. Rigward tal-*hearsay evidence*, il-konvenut jgħid li l-Ewwel Qorti ħadet konjizzjoni ta' provi li jikkwalifikaw bħala *hearsay*, u għalhekk mhux ammissibbli. Dawn il-provi li jsemmi l-konvenut huma: (i) l-attriċi tirrakkonta x'kienet qaltilha omm il-konvenut; u (ii) il-ħaddiem soċjali Bradley Desira, ikkonferma li huwa xehed u għamel ir-rapport abbażi ta' dak li qalulu l-kollegi tiegħu li ħadmu fuq il-każ. Din il-Qorti rat is-sentenza appellata u jidher li l-Ewwel Qorti għamlet referenza għax-xhieda tal-attriċi fejn tirrakkonta dak li qaltilha omm il-konvenut fit-taqsima dwar il-

fatti miġbura quddiemha. (Ara paġna numru 9). Madankollu mill-istess sentenza, ma jidhirx li l-Ewwel Qorti bbażat ruħha fuq tali xhieda sabiex tasal għad-deċiżjoni tagħha. Dan sar anke in regola ma' **Artikolu 598 subinċiż 1 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, li jistipula: *«Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xiehda dwarfatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk il-fatti».*

58. Min-naħa l-oħra u dwar ix-xhieda ta' Bradley Desira bħala ħaddiem soċjali fi ħdan id-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal, din il-Qorti tara illi permezz ta' dan l-argument il-konvenut qiegħed ifittex ix-xagħra fl-għaġina. Id-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal, li jopera taħt l-**Att għall-Protezzjoni tal-Minuri (Kura Alternattiva), Kapitolu 602 tal-Liġijiet ta' Malta**, huwa maqsum f'erba' (4) taqsimiet li kull wieħed minnhom joffri servizzi partikolari, inkluż is-servizz tal-Qrati. Permezz ta' dan is-servizz, id-Direttorat jaqdi l-ħtiġijiet ta' assessjar għall-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) bil-għan li jagħti dawk ir-rakkomandazzjonijiet neċessarji li jservu lill-minuri. Madankollu, dan il-kapitolu tal-liġi ma jgħid xejn dwar kif għandu jitħaddem dan is-servizz partikolari. Fil-każ odjern, din il-Qorti hija tal-fehma illi għalkemm il-ħaddiem soċjali Bradley Desira ma kienx il-persuna li jkun għamel l-assessjar, huwa xorta waħda kien involut fil-proċess. *Se mai*, kieku l-konvenut ried jattakka dan, huwa seta' dejjem talab li jeżamina lill-ħaddiema soċjali li għamlet l-assessjar quddiem il-Qorti. Mill-atti lanqas jidher li qatt sar ilment dwar dan, u għalhekk din il-

Qorti bħala Qorti ta' reviżjoni ma tistax taċċetta argumenti ġodda f'dan l-istadju mqajma minn min ikollu interess bit-tama li jakkwista eżitu favorevoli. Fi kwalunkwe każ, din il-Qorti tara illi hija m'għandhiex ma temminx il-veraċità tal-istess.

59. Rigward *ir-rapport ta' Dr Moira Borg*, il-konvenut jgħid li din kienet issuġġeriet illi għall-għeluq snin il-minuri, l-aċċess isir barra mill-bini tal-Appoġġ. Jispjega li għalkemm l-Ewwel Qorti għamlet referenza għal dan l-akkadut, hija naqset milli tikkunsidra wkoll li dan sar fl-interess tal-minuri hekk kif il-konvenut ma ħassx opportun li jesponi lill-minuri għal kesħa ta' filgħaxija. Mill-ġdid, din il-Qorti tara illi l-konvenut permezz ta' dan l-aggravju qed ifettaq. Billi l-Ewwel Qorti ma semmietx kull kwistjoni jew akkadut fis-sentenza tagħha, dan ma jfissirx li hi ma tkunx ħadet konjizzjoni tagħhom. Huwa impossibbli li fis-sentenza jitniżżel kull dettall. Din il-Qorti hija konvinta illi l-Ewwel Qorti kienet tal-fehma illi kien hemm provi oħra li kellhom jingħataw aktar piż minn oħrajn.

60. Għalhekk dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

***Decide***

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda tilqa' t-tieni aggravju tal-appell u tirriforma s-sentenza tal-Ewwel Qorti fil-ħames kap tagħha fil-qies imsemmi fil-paragrafu 37 ta' din is-sentenza u tiċħad

il-kumplament tal-appell u tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti għal bqija.

L-ispejjeż tal-proċeduri tal-appell għandhom jitħallsu mill-konvenut.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss